Il-Kummissjoni Ewropea

# Inżommu l-wegħda tagħna lill-Ewropa:

*L-istorja tal-Kummissjoni von der Leyen*

**Inżommu l-wegħda tagħna lill-Ewropa: L-istorja tal-Kummissjoni von der Leyen**

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat għall-Komunikazzjoni
1049 Brussell
IL-BELĠJU

PDF ISBN 978-92-68-12876-3 doi:10.2775/045731 NA-05-24-113-MT-N

Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta minħabba l-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© L-Unjoni Ewropea, 2024

Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tal-Kummissjoni hi implimentata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj).
Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

KREDITI
L-immaġnijiet kollha © Unjoni Ewropea, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

# Werrej


## Niġġestixxu l-kriżijiet direttament 3

Negħlbu l-pandemija 3

Nagħtu spinta lill-irkupru tal-Ewropa 6

Rispons sod għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja 9

It-tisħiħ tar-reżiljenza, is-sigurtà u l-kapaċitajiet ta' difiża tal-Ewropa 14

Soluzzjonijiet komuni għall-agħar kriżi tal-enerġija f'għexieren ta' snin 16

L-għoti ta' appoġġ meta jseħħ diżastru 18

## Inżommu triqitna lejn il-prijoritajiet tagħna 22

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: strateġija għat-tkabbir li tipproteġi l-klima 22

It-twettiq tat-tmexxija diġitali tal-Ewropa 26

Approċċ prattiku biex titrawwem il-kompetittività industrijali tal-Ewropa 30

L-ekonomija soċjali tas-suq tagħna 34

Nindirizzaw il-migrazzjoni irregolari 41

Tisħiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt 45

Ewropa aktar b'saħħitha u aktar kuraġġuża fid-dinja 48

Naħdmu flimkien bħala Unjoni 52

*Meta l-Kummissjoni von der Leyen bdiet il-mandat tagħha f'Diċembru 2019, għamilna wegħda lill-Ewropa: wegħedna li nkunu kuraġġużi u ambizzjużi. Wegħedna li nilħqu l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini tal-UE u li nindirizzaw l-isfidi hekk kif jitfaċċaw. Minn dak iż-żmien 'l hawn, din il-Kummissjoni ħadmet bla heda biex twettaq ix-xogħol fdat lilha min-nies Ewropej.*

*U żammejna l-wegħda tagħna. Żammejna triqitna dwar is-sitt prijoritajiet li stabbilixxejna fil-bidu tal-mandat, filwaqt li sibna soluzzjonijiet għal uħud mill-akbar testijiet li l-Ewropa qatt iffaċċjat.*

*Mill-indirizzar ta' pandemija globali għall-indirizzar ta' avvenimenti ta' temp estrem tat-tibdil fil-klima, mir-rispons għall-gwerra brutali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna sal-ġestjoni tal-agħar kriżi tal-enerġija f'għexieren ta' snin, xammarna l-kmiem u indirizzajna l-isfidi straordinarji b'mod dirett. Minkejja l-pressjonijiet ta' kriżijiet multipli, din il-Kummissjoni rnexxielha tħares 'il quddiem u tindirizza l-isfidi kruċjali li se jaffaċċjaw il-ġenerazzjonijiet futuri ta' Ewropej. Urejna li l-Unjoni tagħna hija fl-aħjar tagħha meta nkunu kuraġġużi.*

*Din hija l-istorja tal-Kummissjoni von der Leyen.*



# Niġġestixxu l-kriżijiet direttament

## *Negħlbu l-pandemija*

Meta d-dinja ntlaqtet mill-agħar pandemija tal-ġenerazzjoni tagħna, **il-Kummissjoni ħadet ir-responsabbiltà li tipproteġi l-ħajjiet, l-għajxien u l-ekonomija tagħna**.

Għenna r-riċerka u t-tnedija ta' vaċċini li jsalvaw il-ħajja fi żmien rekord. Żgurajna li l-Ewropej kollha jkollhom aċċess għall-vaċċini fl-istess ħin, irrispettivament minn liema Stat Membru jgħixu fih. Rajna li jkollna sa **4.6 biljun doża ta' vaċċini**, f'isem l-Istati Membri, biex nipproteġu lill-Ewropej u naqsmu mal-pajjiżi sħab. **Aktar minn 80 % tal-popolazzjoni adulta tal-UE rċeviet mill-inqas l-ewwel kors ta' tilqim.**




Hekk kif it-tilqim ippermetta li l-pajjiżi jiftħu l-fruntieri tagħhom b'kawtela, żviluppajna għodod prattiċi biex l-Ewropej ikunu jistgħu jivvjaġġaw b'mod sikur. **Stabbilixxejna ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE**, li jgħaqqad 78 pajjiż u territorju. Dan issa sar il-mudell għal sistema globali biex tiffaċilita l-mobbiltà u tipproteġi liċ-ċittadini madwar id-dinja mill-pandemiji.

Hekk kif minħabba l-lockdowns kien hemm it-theddida li jagħlqu l-kumpaniji u jeliminaw l-impjiegi, żviluppajna strument għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE). Fl-2020, żamm **2.5 miljun kumpanija miftuħa** u **31.5 miljun Ewropew fl-impjieg**, u b'hekk evita kriżi ekonomika u soċjali massiva. U meta l-fruntieri ngħalqu u l-oġġetti weħlu fit-triq, nedejna **Korsiji Ħodor biex niffaċilitaw iċ-ċirkolazzjoni u nipprevjenu skarsezzi ta' oġġetti bażiċi**.

### KISBIET EWLENIN




Il-Kummissjoni għenet għall-**finanzjament tal-iżvilupp ta' vaċċini effettivi** minn kumpaniji farmaċewtiċi bil-**wegħda li jixtru aktar tard minn dawk li jkunu ta' suċċess**.

**Domna biss 6 xhur bejn l-adozzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Vaċċini u t-twassil tal-ewwel lottijiet ta' vaċċini kontra l-COVID-19 lill-Istati Membri.**





**Ħmistax-il ġimgħa** biss wara l-proposta tal-Kummissjoni, iċ-**Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE** kien disponibbli għaċ-ċittadini f'kull Stat Membru **biex jiffaċilita vjaġġar aktar sikur għal kulħadd**.

Sas-sajf tal-2023, **kienu nħarġu 2.2 biljun Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE**, li jgħinu lill-Ewropej jivvjaġġaw b'mod sikur. Tmienja u sebgħin pajjiż u territorju kienu konnessi mal-**Gateway tal-UE**, li jippermetti li ċ-Ċertifikati Diġitali jiġu vverifikati b'mod sigur li jiggarantixxi l-privatezza individwali.




**Boyana** mill-Bulgarija, ġurnalista gradwata fil-mediċina, reġgħet bdiet is-servizz mediku matul il-pandemija tal-COVID-19 bħala infermiera fuq quddiem nett. Fl-2023, hija tħarrġet bħala paramediku fil-**ħelikopters mediċi ta' emerġenza ġodda tal-Bulgarija, mixtrija bil-fondi tal-UE u bl-għajnuna tan-NextGenerationEU**. Filwaqt li tistenna l-ewwel wild tagħha, qed tistenna bil-ħerqa li tingħaqad mal-flotta tal-ħelikopter.


© Vihren Georgiev, 2023

**Tim Ewropa** (l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE) **immobilizza EUR 53.7 biljun biex jgħin lill-pajjiżi sħab** jittrattaw l-emerġenza tas-saħħa immedjata, isaħħu s-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom, u jtaffu l-konsegwenzi soċjoekonomiċi.


© Adobe Stock

Nedejna b'mod konġunt l-**inizjattiva Aċċelleratur tal-Aċċess għall-Għodod kontra l-COVID-19** (ACT-Accelerator) biex nippromwovu l-iżvilupp u l-aċċess ekwu mid-dinja kollha għall-vaċċini u t-trattamenti tal-COVID-19.

Fil-qalba tal-Aċċelleratur ACT, kien hemm **COVAX - sforz multilaterali biex il-vaċċini jinġiebu fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw**. Bħala Tim Ewropa, aħna nibqgħu l-akbar donatur tal-vaċċini kontra l-COVID-19 permezz tal-COVAX.

Ħadna **miżuri ta' assistenza bla preċedent** biex ngħinu lill-Ewropej ilaħħqu mal-**isfidi soċjali u ekonomiċi** li rriżultaw mill-pandemija.

SURE, l-istrument tagħna għall-finanzjament ta' skemi ta' impjieg b'perjodi iqsar madwar l-UE, għen **biex jappoġġa madwar 31.5 miljun impjegat u persuna li taħdem għal rasha u aktar minn 2.5 miljun negozju** fl-2020. Dan irrappreżenta **kważi terz tal-impjiegi totali u aktar minn kwart tan-negozji** fl-Istati Membri benefiċjarji. Disa' miljun persuna oħra u aktar minn **900 000 negozju** rċevew appoġġ fl-2021. B'kollox, ġew żborżati **EUR 98.4 biljun ta' assistenza finanzjarja lil 19-il Stat Membru taħt SURE**.

## SURE

- **EUR 98.4 biljun** ta' assistenza finanzjarja żborżati lil **19-il Stat Membru.**
- Appoġġajna madwar **31.5 miljun impjegat u nies impjegati għal rashom** u iktar minn **2.5 miljun negozju** fl-2020.



Bis-saħħa tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għolja tal-UE, **SURE** għen ukoll lill-Istati Membri jiffrankaw madwar **EUR 9 biljun** f'pagamenti tal-imgħax.

Il-**protezzjoni tal-impjiegi** ffaċilitat **l-irkupru ekonomiku rapidu tal-Ewropa fl-2021**.

Il-Kummissjoni ressqet l-**Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus u l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII u CRII+)**. Dawn l-istrumenti **għenu lill-Istati Membri jixtru tagħmir mediku, iħallsu lill-ħaddiema tas-saħħa, u jappoġġaw lill-ħaddiema u lill-SMEs** billi jagħmlu l-infiq relatat mal-COVID eliġibbli skont il-Politika ta' Koeżjoni u għamlu dik l-eliġibbiltà retroattiva.

B'ħarsa lejn il-futur, bdejna nibnu **Unjoni Ewropea tas-Saħħa biex inħejju u nirreaġixxu għall-kriżijiet tas-saħħa flimkien**. Qed niżguraw li l-provvisti mediċi jkunu disponibbli u affordabbli, u li l-Istati Membri jaħdmu flimkien biex itejbu l-prevenzjoni, it-trattament u l-kura ta' wara għal kull tip ta' mard, b'mod partikolari l-**kanċer** bis-saħħa tal-**Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer**.

# Nagħtu spinta lill-irkupru tal-Ewropa



Hekk kif il-vaċċini waslu għand l-Ewropej kollha fl-istess ħin, **ħdimna biex niżguraw li l-ekonomiji tal-Istati Membri kollha, speċjalment dawk l-aktar milquta mill-pandemija, ikunu jistgħu jirkupraw malajr**. Fi żmien meta **ffaċċjajna l-aktar reċessjoni profonda** mit-Tieni Gwerra Dinjija, **ksibna l-aktar irkupru b'saħħtu** minn żmien l-espansjoni ekonomika qawwija ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Dan l-irkupru kien possibbli minħabba li żviluppajna pjan ġdid kuraġġuż, biex niġbru l-flus fis-suq u ninvestu flimkien fl-irkupru u r-reżiljenza tal-Ewropa.

**NextGenerationEU** kien ta' mbuttatura ta' fiduċja għall-ekonomija tagħna. NextGenerationEU, b'valur ta' aktar minn **EUR 800 biljun**, qed imexxi l-ekonomiji tagħna b'taħlita ta' investiment u riformi. Mijiet ta' proġetti ffinanzjati minn NextGenerationEU diġà qed **jagħtu riżultati tanġibbli għall-Ewropej**, minn parks eoliċi lil hinn mill-kosta għal ferroviji elettriċi, minn servizzi pubbliċi diġitali tal-ogħla livell sa sptarijiet ta' klassi dinjija. B'mod parallel, l-Istati Membri tal-UE qed jużaw in-NextGenerationEU b'mod strateġiku biex iwettqu riformi profondi, bħar-riformi tas-suq tax-xogħol, ir-riformi tal-pensjonijiet, u l-permessi aċċellerati għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Din hija l-Unjoni tagħna li tixpruna l-prosperità tal-Ewropa.



© EU / APA-Fotoservice / Ferlin-Fiedler

Il-**Koralmbahn**, linja ferrovjarja ġdida ta' 130 km bejn il-**bliet Awstrijaċi** ta' Graz u Klagenfurt, **tqassar il-ħin tal-ivvjaġġar minn 3 sigħat għal 45 minuta**. B'**investimenti ta' EUR 543 miljun minn NextGenerationEU**, il-proġett joħloq benefiċċji tanġibbli għall-1.1 miljun abitant li jgħixu fir-reġjun.

## KISBIET EWLENIN

NextGenerationEU jagħmel enfasi fuq it-**tranżizzjonijiet nodfa u diġitali**. Il-pagamenti lill-Istati Membri jiddependu fuq riżultati li jistgħu jitkejlu u progressivi, li jimmotivaw lill-awtoritajiet biex iwettqu r-riformi u l-investimenti li impenjaw ruħhom għalihom.

Minn Frar 2024, bin-NextGenerationEU **żborżajna kważi EUR 225 biljun**, li wassal għall-irkupru ekonomiku tal-Ewropa wara l-pandemija u żieda fir-reżiljenza soċjali u ekonomika tal-Unjoni tagħna.




Il-miri ta' finanzjament ambizzjużi tagħha għall-azzjoni klimatika (37 %) u l-azzjoni diġitali (20 %) inqabżu b'mod qawwi, b'**40 % tal-fondi minfuqa fuq l-azzjoni klimatika, u 26 %, minfuqa fuq l-azzjoni diġitali**. Il-fondi jappoġġaw b'mod sinjifikanti azzjonijiet soċjali u ta' koeżjoni.

**5.8 miljun**
**persuna**

fl-UE bbenefikaw minn miżuri ta' protezzjoni kontra d-diżastri relatati mal-klima

Bis-saħħa tal-investimenti tal-azzjoni klimatika taħt NextGenerationEU, **5.8 miljun persuna fl-UE bbenefikaw minn miżuri ta' protezzjoni kontra diżastri relatati mal-klima**, u ġew iffrankati 22 miljun megawatt siegħa fil-konsum tal-enerġija.

NEXT GEN EU

**Aktar minn**
**EUR 800 biljun**
permezz ta' NextGenerationEU




**Fi Franza, NextGenerationEU** ffinanzja r-rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija ta' 20 000 abitazzjoni soċjali. **Fi Spanja**, huwa appoġġa aktar minn 60 kumpanija fir-riċerka u l-innovazzjoni għall-mobbiltà sostenibbli.




**Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza:**
il-kontribut għall-objettivi klimatiċi u diġitali tagħna

**40 %** tan-nefqa għal investimenti u riformi **KLIMATIĊI**

**26 %** tan-nefqa għat-trawwim tat-tranżizzjoni **DIĠITALI**



Qed nipprovdu wkoll **finanzi għal proġetti nazzjonali li jindirizzaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima**. Pereżempju, il-**pjan ta' rkupru tal-Greċja** jinkludi miżuri biex tingħata spinta lill-protezzjoni ċivili u sforzi ta' rispons quddiem in-nirien fil-foresti u l-għargħar, kif ukoll il-bini ta' reżiljenza għall-klima tal-infrastruttura tat-trasport.



Il-**pjan ta' rkupru Sloven** jinkludi **miżuri biex jiġi indirizzat l-għargħar**. Wara l-għargħar għal għarrieda f'Awwissu 2023, waqqafna task force, ta' rappreżentanti tal-Kummissjoni u tas-Slovenja, biex tistudja modi kif nappoġġaw aħjar iż-żoni affettwati b'finanzjament eżistenti mill-UE.




Taħt NextGenerationEU, **kważi 18-il miljun unità domestika fl-UE rċevew Internet b'veloċità għolja, u 247 miljun utent ibbenefikaw minn servizzi diġitali pubbliċi ġodda jew imtejba**.




Bħala parti mir-riformi taħt in-NextGenerationEU, **l-Istati Membri naqqsu wkoll il-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa u tejbu l-ambjent tan-negozju tagħhom**. L-Italja pereżempju introduċiet diversi riformi biex ittejjeb l-ambjent tan-negozju tagħha, b'mod partikolari billi naqqset iż-żmien biex jiġi stabbilit negozju għal 4 ijiem.



Il-kumpaniji Ewropej qed jaħtfu l-opportunitajiet offruti min-NextGenerationEU. Fi sħubija tassew Ewropea, Elekta, kumpanija Żvediża, u Philips, kumpanija Netherlandiża, qed jipprovdu komponenti ewlenin għall-installazzjoni ta' **aċċelleratur lineari b'reżonanza manjetika għat-trattament tal-kanċer f'Malta, wieħed minn madwar 100 magna bħal dawn madwar id-dinja**.

# Rispons sod għall-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja

Hekk kif it-tankijiet Russi qasmu l-fruntiera, **l-Unjoni tagħna ddefendiet lill-Ukrajna, b'għaqda, saħħa u determinazzjoni**. U l-Kummissjoni, għal darb'oħra, laqgħet l-isfida. Wittejna t-triq biex **nospitaw aktar minn erba' miljun refuġjat Ukren fl-UE**. Organizzajna t-twassil ta' assistenza umanitarja, finanzjarja u militari mingħajr preċedent mill-UE u l-Istati Membri, li s'issa laħqet aktar minn EUR 88 biljun, **inkluż EUR 28 biljun f'appoġġ militari**. U qed naħdmu mill-qrib mas-sħab tagħna tal-G7 biex niżguraw li kull euro jmur fejn huwa l-aktar meħtieġ fl-Ukrajna.

Id-dittatur fil-Kremlin lagħab fuq in-nuqqas ta' għaqda fost l-Ewropej. Flimkien, urejnieh li hu żbaljat. Se nappoġġaw lill-Ukrajna għal kemm ikun hemm bżonn. Permezz tal-**Faċilità l-ġdida għall-Ukrajna** se nipprovdu **EUR 50 biljun oħra matul l-4 snin** li ġejjin biex nikkontribwixxu għall-provvista tas-servizzi bażiċi, fosthom li nżommu l-iskejjel miftuħa u nħallsu s-salarji u l-pensjonijiet, filwaqt li l-poplu Ukren ikompli jiġġieled kontra l-invażur. Kull rebħa għall-Ukrajna kontra l-aggressur hija wkoll rebħa għas-sigurtà komuni tagħna fl-Ewropa.




Fl-istess ħin, appoġġajna lill-Ukrajna kull pass fit-triq hekk kif taħdem qatigħ biex tirriforma u **toqrob lejn l-UE**. Filwaqt li rrikonoxxiet il-progress enormi tal-pajjiż u b'reazzjoni għall-aspirazzjonijiet tal-poplu Ukren, l-Unjoni tagħna ħadet id-deċiżjoni storika li **tiftaħ in-negozjati tal-adeżjoni mal-Ukrajna**, abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

Għinna wkoll biex jiġi indirizzat l-impatt tal-aggressjoni tar-Russja madwar id-dinja. Hekk kif il-gwerra tar-Russja heddet li tiskatta kriżi globali tal-ikel, ħriġna bis-soluzzjonijiet tat-trademarks tagħna biex l-għelejjel tal-Ukrajna jinġiebu f'pajjiżi li l-aktar kellhom bżonnhom.

Madwar **122 miljun tunnellata** ta' beni Ukreni esportati



© Adobe Stock

*Bejn Mejju 2022 u Jannar 2024

Ftaħna **Korsiji ta' Solidarjetà**, li għenu fl-esportazzjoni ta' **122 miljun tunnellata ta' beni Ukreni**, inklużi kważi **64 miljun tunnellata ta' prodotti agrikoli l-iktar għall-esportazzjoni**.

Fl-istess ħin, ninsabu fuq quddiem nett fl-isforzi biex inżommu lir-Russja responsabbli għall-azzjonijiet tagħha u biex tħallas għall-qerda li kkawżat. Introduċejna **13-il pakkett ta' sanzjonijiet** biex inrażżnu l-magna tal-gwerra ta' Moscow. Imblukkajna **iktar minn EUR 200 biljun ta' assi tal-bank Ċentrali Russu fl-UE**. Qed nappoġġaw il-ġbir ta' evidenza dwar id-delitti tal-gwerra tar-Russja u d-delitt ta' aggressjoni tagħha. Għax l-Ewropa tiddefendi d-dritt internazzjonali.




## KISBIET EWLENIN



Il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna ġabet lill-UE u lill-Ukrajna aktar qrib xulxin: L-Ukrajna issa hija **kandidat uffiċjali biex tissieħeb mal-UE u n-negozjati tal-adeżjoni ġew approvati** fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni.



Sa mill-bidu tal-gwerra, immobilizzajna u żviluppajna mezzi uniċi ta' assistenza ekonomika, umanitarja u militari, li jġibu l-appoġġ totali pprovdut mill-UE u l-Istati Membri tagħha għal **aktar minn EUR 88 biljun**.

Biex niżguraw li l-Ukrajna tkun tista' tkompli sserraħ fuq il-finanzjament li teħtieġ, ippreżentajna **l-Faċilità għall-Ukrajna**, li se tipprovdi lill-Ukrajna sa **EUR 50 biljun fil-forma ta' għotjiet u self konċessjonali** bejn l-2024 u l-2027.






Il-Kummissjoni ħadet rwol ewlieni fil-koordinazzjoni tal-appoġġ ekonomiku internazzjonali għall-Ukrajna, billi ospitat is-Segretarjat tal-**Pjattaforma ta' Koordinazzjoni tad-Donaturi b'Diversi Aġenziji mmexxija mill-G7**.



Bis-saħħa tal-Korsiji ta' Solidarjetà tagħna, ħloqna **rotot alternattivi għall-kummerċ Ukren** meta r-Russja mblukkat it-tranżitu mill-Baħar l-Iswed. Bejn Mejju 2022 u Jannar 2024, il-Korsiji ta' Solidarjetà ppermettew **l-esportazzjoni ta' 122 miljun tunnellata ta' merkanzija u l-importazzjoni ta' 45 miljun tunnellata**, b'valur totali stmat għal madwar **EUR 139 biljun**.



L-UE u l-Istati Membri mmobilizzaw ukoll **aktar minn EUR 28 biljun f'appoġġ militari** biex jgħinu lill-Ukrajna tiddefendi lilha nnifisha, inkluż aktar minn **EUR 6 biljun mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi**. Barra minn hekk, il-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-UE għall-Ukrajna s'issa **ħarrġet aktar minn 40 000 suldat Ukren**.

Sa estent rekord u fi żmien rekord, il-Kummissjoni ħejjiet u implimentat, **13-il pakkett ta' sanzjonijiet** b'firxa wiesgħa kontra l-Kremlin u l-alleati tiegħu, biex idgħajfu l-kapaċità tagħhom li jiffinanzjaw il-gwerra.



L-UE qablet li **teskludi banek Russi ewlenin** mis-sistema SWIFT




Is-sanzjonijiet tal-UE bħalissa japplikaw għal aktar minn **2 000 individwu u entità**. Aktar minn **EUR 28 biljun tal-assi privati tagħhom huma ffriżati** fl-UE.



**58 % tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn ir-Russja qabel l-invażjoni, u 61 % tal-importazzjonijiet ta' qabel il-gwerra** huma koperti mis-sanzjonijiet tagħna. Aħna **pprojbixxejna l-importazzjoni ta' żejt mhux maħdum li jinġarr bil-baħar u prodotti petroliferi raffinati mir-Russja**. Peress li madwar nofs l-esportazzjonijiet totali taż-żejt tar-Russja kienu jmorru lejn l-UE (EUR 71 biljun fl-2021), l-impatt kien sinifikanti.

Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli għamlu proposta, issa adottata mill-Istati Membri, biex **jużaw dak id-dħul straordinarju** li jirriżulta mill-ġestjoni fl-UE tal-assi ffriżati tal-Bank Ċentrali Russu **biex jappoġġaw l-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna**.



**Khrystyna** hija waħda mill-ħafna **Ukreni** li ħarbu mill-aggressjoni Russa. Hija **ntlaqgħet fir-reġjun ta' Limburg tan-Netherlands**. Bis-saħħa tad-**Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja**, issa tista' **taqla' l-għajxien tagħha billi taħdem fl-istess lukanda fejn qagħdet għall-ewwel darba mal-wasla tagħha** fin-Netherlands.



Aġixxejna biex nipprovdu kenn għan-nies li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna billi attivajna d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja. **Illum, aktar minn 4 miljun persuna, prinċipalment nisa u tfal li ġejjin mill-Ukrajna, igawdu drittijiet bażiċi fl-UE** bħall-aċċess għas-suq tax-xogħol, il-kura medika, u l-edukazzjoni għat-tfal.

## Protezzjoni temporanja lil madwar **4 miljun individwu**







Bħala parti mill-akbar operazzjoni li qatt saret taħt il-**Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili tal-UE**, ipprovdejna lill-Ukrajna b'aktar minn 144 000 tunnellata ta' għajnuna, u stabbilixxejna s-sistema ta' evakwazzjoni medika (Medevac), li ppermettiet **l-evakwazzjoni ta' aktar minn 3 000 pazjent Ukren lejn sptarijiet fi 22 pajjiż Ewropew**.

# *It-tisħiħ tar-reżiljenza, is-sigurtà u l-kapaċitajiet ta' difiża tal-Ewropa*

Peress li l-ambjent strateġiku ta' madwarna nbidel b'mod fundamentali, jeħtieġ li l-Ewropa tiffaċċja responsabbiltà ġdida. Din hija r-raġuni għaliex din il-Kummissjoni qed tiżviluppa **Strateġija tal-Industrija Ewropea għad-Difiża** ġdida. Din se toħloq fok strateġiku u se tgħin biex torbot l-isforzi tal-Istati Membri u tad-ditti Ewropej — mir-riċerka sal-industrijalizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' sistemi ġodda, saż-żieda fil-produzzjoni, l-akkwist ikkoordinat u s-sigurtà tal-provvista. Għax **il-paċi teħtieġ is-sigurtà**.

## KISBIET EWLENIN




Tajna spinta lis-sigurtà fiżika tal-infrastruttura u tal-entitajiet kritiċi bis-saħħa tad-**Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi**, li tirrikjedi li l-Istati Membri jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju tas-setturi kritiċi tagħhom; u bil-**Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura Kritika, stabbilixxejna qafas għal rispons unifikat għal inċidenti komuni ta' infrastruttura kritika.**




Il-Kummissjoni aġixxiet biex **tiġġieled iż-żieda fid-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni**, speċjalment online. Saħħaħna **l-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni**, li jinkludi kumpaniji teknoloġiċi ewlenin, pjattaformi u s-soċjetà ċivili. Bl-**Att dwar is-Servizzi Diġitali** żidna mezzi addizzjonali biex nipprevjenu milli tinxtered informazzjoni falza online.




Intensifikajna l-**ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu offline u online**. Stabbilixxejna regoli għall-ġlieda kontra forom ġodda ta' traffikar tal-bnedmin; stabbilixxejna pjan direzzjonali fil-ġlieda kontra n-netwerks kriminali, b'mod partikolari dawk involuti fit-traffikar tad-droga. Biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u tiġi evitata r-radikalizzazzjoni, ġew stabbiliti regoli li jirrikjedu li l-pjattaformi online **jneħħu kontenut terroristiku online fi żmien siegħa**.




Tajna spinta lill-**kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija u tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi**. L-Europol u l-Eurojust ingħataw mandati msaħħa biex jappoġġaw aħjar lill-awtoritajiet nazzjonali.




Il-Kummissjoni ħadmet biex tippermetti l-kundizzjonijiet li ppermettew it-**tkabbir sikur u b'suċċess taż-żona Schengen għall-Kroazja, ir-Rumanija u l-Bulgarija**, filwaqt li fl-istess ħin aġġornat il-governanza u r-regoli tagħha. **Fl-2022 tnieda ċiklu annwali ta' Schengen**, li jibda kull sena b'**Rapport dwar l-Istat ta' Schengen**, li jidentifika r-riskji u l-lakuni fis-sigurtà.

Fi Frar 2024, intlaħaq ftehim mill-koleġiżlaturi dwar **Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen** aġġornat. Il-kodiċi l-ġdid jistabbilixxi mekkaniżmu biex jiġu introdotti restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar fil-fruntiera esterna f'każ ta' emerġenzi tas-saħħa. Il-kodiċi jagħti wkoll lill-Istati Membri l-mezzi biex jiġġieldu l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti minn pajjiżi terzi u atturi mhux statali.







Tajna **spinta lis-sħubija b'saħħitha tagħna man-NATO**. Permezz ta' **Dikjarazzjoni Konġunta ġdida dwar il-Kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO**, qed nagħtu spinta lill-ħidma komuni tagħna dwar it-theddid ibridu, iċ-ċibernetika, it-terroriżmu, u l-implikazzjonijiet tas-sigurtà tat-tibdil fil-klima. Nedejna t-**Task Force UE-NATO dwar ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika** biex nipprevjenu aħjar it-tfixkil komuni għas-servizzi essenzjali u nindirizzaw l-isfidi konġunti tas-sigurtà fil-qasam tal-infrastruttura kritika.

Bil-**Fond Ewropew għad-Difiża**, l-**Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni**, u l-**Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon**, qed nimmobilizzaw l-industrija tad-difiża tal-Ewropa biex nimmanifatturaw aktar missigurtà tagħna fl-UE stess. Miżuri fuq terminu qasir b'rispons għall-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna dalwaqt se jiġu sostitwiti mill-**Programm Ewropew għall-Industrija tad-Difiża**.



# *Soluzzjonijiet komuni għall-agħar kriżi tal-enerġija f'għexieren ta' snin*

Filwaqt li nediet l-attakk tagħha fuq l-Ukrajna, ir-Russja użat l-enerġija biex tirrikattana, u dan wassal għal kriżi tal-enerġija fl-Ewropa u l-biża' ta' blackouts. Għal darb'oħra, l-Unjoni tagħna ngħaqdet flimkien.

Bil-pjan innovattiv **REPowerEU** tal-Kummissjoni, żgurajna l-provvisti tal-enerġija tagħna u naqqasna d-dipendenza tagħna fuq ir-Russja. Aħna ddiversifikajna l-provvisti tagħna, billi sibna sħab affidabbli ġodda. Naqqasna **l-użu tal-gass tagħna b'18 %** — bis-saħħa ta' sforzi tremendi min-nies u l-kumpaniji Ewropej. U **nsistejna fuq l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli**.

Għall-ewwel darba, ipproduċejna aktar elettriku mir-riħ fl-UE milli mill-gass is-sena l-oħra. Kważi rdoppjajna l-ammont ta' enerġija solari prodotta fl-Ewropa. **U l-installazzjonijiet tal-enerġija solari u eolika żdiedu fuq bażi annwali b'madwar 35 %**.

Biex nindirizzaw iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija kkawżata mir-rikatt tar-Russja, li kkawża tbatija għan-nies u l-kumpaniji tagħna, stabbilixxejna approċċ li kien diġà wera li kien ta' suċċess matul il-pandemija.

Stabbilixxejna l-**Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE** biex niġbru flimkien id-domanda għall-gass u nniedu offerti kompetittivi, li jagħtu lill-kumpaniji tagħna pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħitha fis-swieq globali. U dan qed iħalli riżultat. Ix-xerrejja Ewropej aċċessaw **42 biljun metru kubu ta' gass permezz tal-Pjattaforma fl-2023**. U l-aħħar offerta konġunta tal-UE minn Frar 2024 kienet tliet darbiet sottoskritta żżejjed li tattira volum totali ta' 97.4 biljun metru kubu minn fornituri internazzjonali.

Bis-saħħa tal-azzjonijiet ikkombinati li ħadna, **il-prezzijiet tal-lum huma kważi 10 darbiet aktar baxxi milli fl-eqqel tal-kriżi**. U d-dipendenza tal-Ewropa fuq il-fjuwils fossili mir-Russja spiċċat, darba għal dejjem.

## KISBIET EWLENIN

L-evoluzzjoni tal-**prezzijiet tal-gass u** l-elettriku




*Sors: © L-Unjoni Ewropea (ibbażata fuq il-Pjattaformi Globali S&P).*
*NB: Il-prezzijiet tal-gass huma l-medja ta' kull ġimgħa tat-TTF ta' ġurnata bil-quddiem, il-prezzijiet tal-elettriku huma medja ponderata ta' kull ġimgħa tal-akbar swieq tal-UE.*

## KISBIET EWLENIN

# REPowerEU

Il-pjan ta' investiment tagħna, li għandu l-għan li jimmobilizza kważi EUR 300 biljun, biex innaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi u navvanzaw it-tranżizzjoni nadifa

### NIFFRANKAW L-ENERĠIJA

Billi nikkoordinaw it-tnaqqis fid-domanda għall-gass tagħna


© Adobe Stock

**18 %**
**Tnaqqis fid-domanda** bejn Awwissu 2022 u Diċembru 2023

**101 bcm(*)**
ta' gass **iffrankat**

**99 %**
tal-**kapaċità tal-ħżin tal-gass kienet sħiħa** f'Novembru 2023
(qbiż tal-mira tagħna ta' 90 % sal-1 ta' Novembru 2023)

### PJATTAFORMA TAL-ENERĠIJA TAL-UE

Fl-erba' sejħiet għall-offerti tal-UE għax-xiri konġunt tal-gass organizzati taħt il-Pjattaforma tal-Enerġija tal-UE fl-2023, **113-il kumpanija** madwar l-UE esprimew domanda għall-gass ta' aktar minn 54 bcm.

Ix-xerrejja Ewropej aċċessaw **42 bcm ta' gass permezz tal-Pjattaforma fl-2023**.

### NIDDIVERSFIKAW IL-PROVVISTI TAGĦNA

Permezz ta' fornituri affidabbli ġodda

PERĊENTWAL TA' GASS MILL-PIPELINE RUSSU
IMPORTAZZJONIJIET TA' GASS TOTALI TAL-UE




Il-fornitur ewlieni attwali għall-UE: **In-Norveġja (30 % tal-importazzjonijiet mill-pipelines fl-2023)**

**LNG**

**Importazzjonijiet tal-LNG** minn fornituri mhux Russi




Il-fornitur ewlieni attwali tal-LNG għall-UE: **L-Istati Uniti (46 % tal-importazzjonijiet tal-LNG)**

### NINVESTU F'ENERĠIJA RINNOVABBLI

Naċċelleraw it-tranżizzjoni lejn enerġija aktar sostenibbli u orħos

L-UŻU TA' SORSI TA' ENERĠIJA RINNOVABBLI (2023)

ELETTRIKU ĠĠENERAT (2023)




(*) bcm = biljun metru kubu.

# L-għoti ta' appoġġ meta jseħħ diżastru

Matul il-mandat, il-Kummissjoni tat spinta lill-kapaċità tal-Ewropa li tipprovdi appoġġ vitali lill-pajjiżi milquta minn diżastri, minn għargħar għal nirien fil-foresti, minn terremoti sa emerġenzi mediċi.

Il-**Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili** għadda l-appoġġ lill-partijiet kollha tal-kontinent u lil hinn minnu. It-timijiet tagħna kienu qed jaħdmu biex isalvaw lin-nies u jneħħu t-tifrik biss sigħat wara li **terremoti fatali farrku l-Albanija, il-Kroazja u t-Turkija**. Dawn kienu rapidi b'appoġġ fuq il-post wara **għargħar devastanti fil-Belġju, il-Ġermanja, l-Italja u s-Slovenja**.

Mill-2019, ipprovdejna **aktar minn EUR 3 biljun permezz tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE** lill-Istati Membri u lill-pajjiżi tal-adeżjoni milquta minn diżastri naturali u minn tfaċċar ta' saħħa pubblika.





Il-flotta tagħna tat-tifi tan-nar għenet fil-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti mill-Greċja għall-Portugall, minn Franza sal-Albanija. U min-naħa għall-oħra tal-Atlantiku wkoll: Għall-ewwel darba fl-istorja**, il-Kanada rrikorriet lejn l-Ewropa għall-appoġġ meta ntlaqtet mill-agħar nirien fil-foresti fi żminijiet reċenti**. U l-Ewropa wieġbet għas-sejħa: Mijiet ta' ħaddiema tat-tifi tan-nar Ewropej iġġieldu kontra n-nirien vjolenti li qerdu l-foresti tal-Kanada.

Iżda l-frekwenza u l-intensità ta' avvenimenti estremi tat-temp, kif ukoll il-pandemija, urew li jeħtieġ li nagħmlu aktar biex nirreaġixxu għad-diżastri. Kien għalhekk li ħloqna **rescEU**: riżerva komuni ta' riżorsi Ewropej, inkluża flotta ta' ajruplani u ħelikopters tat-tifi tan-nar, ajruplani ta' evakwazzjoni medika, u ħażniet ta' oġġetti mediċi. Xibka ta' sikurezza Ewropea reali għall-emerġenzi.

Meta jseħħ diżastru, l-Unjoni tagħna issa hija mgħammra aħjar minn qatt qabel biex tappoġġja lill-Ewropej — u lill-bqija tad-dinja. Mill-2020, ikkoordinajna **232 operazzjoni tal-Pont Umanitarju bl-Ajru, b'rispons għal 12-il kriżi madwar id-dinja**, l-aktar reċenti s-sitwazzjoni umanitarja mwiegħra f'Gaża.


© Adobe Stock

**232 operazzjoni tal-Pont bl-Ajru Umanitarju**, b'reazzjoni għal **12-il kriżi madwar id-dinja**



**L-Iżvezja** qed tikkontribwixxi żewġ inġenji tal-ajru oħra ta' scooper għall-**flotta tal-UE għat-tifi tan-nar fil-foresti tar-rescEU**, u b'hekk l-għadd totali ta' ajruplani Żvediżi li huma lesti għal operazzjonijiet ta' emerġenza, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali, żdied għal erbgħa.


© MPGI, 2023

It-**terremot** li laqat lill-**Kroazja** fl-2020 qered iċ-Ċentru tal-Isptarijiet Universitarji f'Zagreb. Bl-għajnuna tal-**fondi tal-UE, l-isptar issa qed jiġi rinnovat**, li jipprovdi **kura tas-saħħa aħjar għal kważi nofs miljun resident** taż-żona ta' Zagreb.

## KISBIET EWLENIN

Il-Kummissjoni von der Leyen kompliet tipprovdi assistenza madwar id-dinja. **Matul l-aħħar 4 snin, il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili ġie attivat f'400 okkażjoni**.

Hekk kif il-fruntieri bdew jagħlqu fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, **aħna rripatrijajna aktar minn 100 000 persuna lura lejn l-Ewropa**, u b'hekk l-Ewropej u l-familji tagħhom reġgħu lura d-dar.




Matul il-pandemija, il-Kummissjoni kkoordinat u kkofinanzjat il-konsenja ta' **190 miljun oġġett ta' tagħmir mediku u ta' protezzjoni personali, inklużi ventilaturi, għal pajjiżi terzi**.

Minn meta r-Russja nediet il-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, organizzajna **l-akbar operazzjoni tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili fl-istorja tagħha, u b'hekk ipprovdejna 144 000 tunnellata ta' għajnuna**.

B'reazzjoni għan-nirien vjolenti fil-foresti madwar l-Ewropa, il-Mekkaniżmu rreaġixxa billi ppermetta l-iskjerament ta' ajruplani tat-tifi tan-nar, ħelikopters u persunal tat-tifi tan-nar. Meta nirien fil-foresti qerdu l-Greċja, Ċipru, l-Italja u t-Tuneżija fl-2023, madwar **2 000 membru tal-persunal, inklużi ħaddiema tat-tifi tan-nar, intbagħtu biex jindirizzaw l-emerġenza**.






Mill-2019, stabbilixxejna ħażniet mediċi tar-**rescEU** madwar l-Ewropa, li fihom tagħmir kruċjali bħal ventilaturi, tagħmir protettiv personali, mediċini, u tagħmir kimiku, radjoloġiku, nukleari u bijoloġiku.

Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll ħażniet globali ta' għajnuna — il-**Kapaċità ta' Rispons Umanitarju Ewropew** — ospitati fl-Amerika Latina, fil-Lvant Nofsani, fl-Asja u fl-Ewropa. Permezz tal-Kapaċità, l-UE għandha l-għan li tibgħat l-għajnuna aktar malajr liż-żoni ta' kriżijiet.





L-UE tibqa' donatur umanitarju ewlieni fid-dinja. Minn Diċembru 2019, il-finanzjament umanitarju tal-UE qabeż il-**EUR 11-il biljun**. Irrispondejna għal emerġenzi umanitarji madwar id-dinja: mill-Afganistan sas-Sudan, u Gaża l-aktar reċenti.

# Inżommu triqitna lejn il-prijoritajiet tagħna

## Il-Patt Ekoloġiku Ewropew: strateġija għat-tkabbir li tipproteġi l-klima




Fil-bidu tal-mandat tagħna, ġbarna lill-Ewropa madwar għan komuni: biex jiġi żviluppat mudell ġdid ta' tkabbir, il-**Patt Ekoloġiku Ewropew**, ibbażat fuq ekonomija nadifa u ċirkolari. Stabbilixxejna miri għalina nfusna biex **insiru newtrali għall-klima sal-2050**. Għax huwa biss dak li jitkejjel, li jitwettaq. B'din il-boxxla, imbuttajna 'l quddiem tranżizzjoni nadifa li tipproteġi lin-nies u lill-pjaneta, hija ekonomikament soda u soċjalment ġusta.

Il-viżjoni tagħna hija ċara: **L-Ewropa għandha tibqa' destinazzjoni ewlenija għall-investimenti li jġibu impjiegi ta' kwalità stabbli u validi għall-futur, b'bażi industrijali b'saħħitha**.

Stabbilixxejna qafas biex inwasslu għal **tnaqqis ta' mill-inqas 55 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-1990 sa tmiem dan id-deċennju**. Żidna l-investimenti fil-livell tal-UE. **Kważi EUR 400 biljun ta' fondi tal-UE minn NextGenerationEU u mill-politika ta' koeżjoni qed jiffinanzjaw proġetti relatati mal-klima.** Stabbilixxejna qafas robust għal finanzjament sostenibbli u sirna l-akbar emittent ta' bonds ekoloġiċi madwar id-dinja.

U wrejna li huwa possibbli li t-tkabbir ekonomiku jiġi diżakkoppjat mill-emissjonijiet: **mill-1990, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra naqsu bi 32.5 %, u l-ekonomija tagħna kibret bi kważi 70 %**.

U rawwimna l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi li jeħtieġ li nnaqqsu l-emissjonijiet. Bl-**Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti**, se nħaffu b'mod drammatiku l-proċessi tal-għoti tal-permessi għall-manifattura tat-teknoloġija nadifa u se nappoġġaw lin-negozji Ewropej biex iwettqu t-tranżizzjoni filwaqt li jżommu l-vantaġġ kompetittiv tagħhom.









Qrib Cologne, il-Ġermanja, Lyondell Basell, appoġġata mill-**Fond għall-Innovazzjoni tal-UE**, qed tiżviluppa **impjant tar-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik kummerċjalment vijabbli li se jopera 100 % fuq l-elettriku**. Il-proġett għalhekk se jnaqqas il-problema ta' skart tal-plastik, filwaqt li jkun **newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju**.

Iżda l-bqija tad-dinja jeħtieġ li tilħaq livell għoli. Biex nindirizzaw ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, implimentajna l-**Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri**. Dan jgħin biex jiġi żgurat li l-emissjonijiet jitnaqqsu kull fejn jiġu prodotti u li l-objettivi klimatiċi tal-UE ma jiġux imminati.

Mill-bidu nett, wegħedna lill-Ewropej biex naħdmu biex it-tranżizzjoni ssir soċjalment ġusta. Żammejna l-wegħda tagħna. Stabbilixxejna l-**Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Soċjali għall-Klima**, biex nappoġġaw lil dawk li huma aktar vulnerabbli u li jiffaċċjaw l-akbar sfidi biex jadattaw.

Il-Patt Ekoloġiku tagħna qed jilħaq l-objettivi tiegħu — l-Ewropa tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-miri klimatiċi tagħha. U qed inbiddlu d-dekarbonizzazzjoni meħtieġa tal-industriji tagħna f'opportunità ta' tkabbir.

**Il-Lvant ta' Wielkopolska**, reġjun ta' estrazzjoni tal-linjite tal-**Polonja**, qed isegwi perkors ambizzjuż lejn in-newtralità klimatika.
Bl-appoġġ tal-**Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tal-UE u l-Fond għall-Innovazzjoni**, ir-reġjun jista' jibni **l-ewwel elettrolizzaturi tal-Polonja biex jipproduċi l-idroġenu**. Billi l-ħaddiema jingħataw taħriġ mill-ġdid b'mod attiv, **ħadd ma jitħalla jibqa' lura fit-triq lejn in-newtralità klimatika**.



## KISBIET EWLENIN




Fl-2021, l-UE adottat l-ewwel **Liġi Ewropea dwar il-Klima** tagħha, li tistabbilixxi l-għanijiet tal-Ewropa biex issir **newtrali għall-klima sal-2050, kif ukoll mira ta' 55 % inqas emissjonijiet sal-2030**, meta mqabbla mal-1990. Fi Frar 2024, il-Kummissjoni rrakkomandat mira intermedja addizzjonali ta' 90 % inqas emissjonijiet sal-2040.




Matul dan il-mandat, il-Kummissjoni ppreżentat il-**Fond għal Tranżizzjoni Ġusta**. Bl-appoġġ ta' **EUR 19.7 biljun** f'finanzjament, hija poġġiet investimenti f'reġjuni vulnerabbli biex tiddiversifika l-attivitajiet ekonomiċi u tindirizza l-impatt soċjoekonomiku tat-tranżizzjoni ekoloġika.



**Il-Kummissjoni appoġġat lill-bdiewa fi 22 Stat Membru b'EUR 330 miljun** biex ilaħħqu mal-impatti tal-avvenimenti klimatiċi u kostijiet tal-input ogħla. Aħna tajna wkoll lill-Istati Membri flessibbiltà biex jikkomplementaw l-appoġġ tal-UE b'sa 200 % b'fondi nazzjonali, u biex jipprovdu **pagamenti bil-quddiem ogħla tal-fondi tal-Politika Agrikola Komuni** biex itejbu l-fluss tal-flus tal-bdiewa.




Mill-2019, approvajna seba' **Proġetti Importanti ewlenin ta' Interess Ewropew Komuni** (IPCEIs) li jinvolvu 22 Stat Membru. Dawn il-proġetti ambizzjużi jikkonċernaw, pereżempju, il-batteriji, il-mikroelettronika, l-idroġenu u l-cloud computing. **B'għajnuna mill-istat li tammonta għal EUR 32.9 biljun, dawn se jilliberaw mill-inqas EUR 50.3 biljun ta' investimenti privati addizzjonali.**




Biex **nużaw aħjar ir-riżorsi skarsi u nnaqqsu l-iskart**, adottajna miżuri biex nagħmlu l-prodotti aktar sostenibbli, u b'hekk innaqqsu t-2.2 biljun tunnellata ta' skart li l-UE tipproduċi kull sena.




L-enfasi qawwija tagħna fuq l-użu aktar intelliġenti tal-materjali urejnieha bil-**Bauhaus Ewropea l-Ġdida**. B'aktar minn 600 organizzazzjoni sieħba uffiċjali li jvarjaw minn networks madwar l-UE għal inizjattivi lokali, il-**Bauhaus issa tilħaq miljuni ta' ċittadini**.



Matul dan it-terminu, il-Kummissjoni aġġornat l-**Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) biex tkopri aktar attivitajiet**, filwaqt li mmotivat aktar setturi ekonomiċi biex jimplimentaw riformi lejn it-tranżizzjoni ekoloġika. Dan jiġġenera aktar dħul li se jiġi **investit mill-ġdid fl-innovazzjoni, l-azzjoni klimatika, u l-appoġġ soċjali**, pereżempju permezz tal-**Fond għall-Innovazzjoni, il-Fond għall-Modernizzazzjoni, u l-Fond Soċjali għall-Klima**.




Il-Kummissjoni trid tiżgura li l-**industriji tagħna jkunu adattati għall-era ekoloġika**. Appoġġajna l-**manifattura tal-batteriji** fl-UE u l-iżvilupp tal-**idroġenu nadif**. Stabbilixxejna wkoll rekwiżiti biex niżguraw li **l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi se jkunu disponibbli kull 60 km** fin-network trans-Ewropew tat-trasport. Bil-**Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri** tagħna, indirizzajna r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li żgurajna li l-emissjonijiet jitnaqqsu kull fejn jiġu prodotti, mhux sempliċiment esternalizzati.




**Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero** tal-Kummissjoni rriżulta fi proposti għal **standards modernizzati dwar il-kwalità tal-ilma, il-kwalità tal-arja, l-emissjonijiet industrijali u s-sustanzi kimiċi**.




Mexxejna l-**Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal,** maqbul fil-COP15 dwar id-diversità bijoloġika, u t-**Trattat tan-NU dwar l-Ibħra Miftuħa**.



Nedejna sensiela ta' **djalogi dwar it-tranżizzjoni nadifa ma' setturi industrijali ewlenin**. Nedejna djalogi mas-**settur tal-idroġenu, l-industriji intensivi fl-enerġija u t-teknoloġija nadifa**. Id-djalogi dwar il-materja prima kritika, il-mobbiltà, l-infrastruttura u l-forestrija se jsiru fl-2024.

# It-twettiq tat-tmexxija diġitali tal-Ewropa

F'dawn l-aħħar snin, l-Ewropa kisbet aktar għaċ-ċittadini u n-negozji fl-ispazju diġitali minn qatt qabel.



© Adobe Stock

Aħna stabbilixxejna viżjoni ċara fil-bidu tal-mandat: **niżguraw li s-soċjetà tagħna tibbenefika mit-teknoloġija u li l-innovazzjoni tagħti spinta lill-kompetittività tagħna, filwaqt li timminimizza r-riskji għaċ-ċittadini**.

Wettaqna l-mandat tagħna. Madwar l-Ewropa, **investejna biljuni fl-espansjoni tal-fibra ottika u l-5G**. Ikkonnettjajna r-reġjuni rurali u attrezzajna mijiet ta' eluf ta' ħaddiema b'ħiliet għall-futur diġitali. Aħna wettaqna **viżjoni ċċentrata fuq il-bniedem tal-ispazju diġitali u kkonsolidajna t-tmexxija teknoloġika tagħna**.

Fl-2019, l-ebda wieħed mill-aqwa tmien superkompjuters ma kien Ewropew. Illum, **l-UE tospita erbgħa mill-aktar kompjuters b'saħħithom fid-dinja** — ibbażati fil-Finlandja, fl-Italja, fi Spanja u fil-Ġermanja.

**LUMI** huwa wieħed mis-**superkompjuters ta' klassi dinjija tagħna**. Tfisser "borra" bil-Finlandiż, u grazzi għall-pożizzjoni tiegħu fit-**Tramuntana tal-Finlandja**, jeħtieġ inqas enerġija għat-tkessiħ. LUMI juża **100 % idroenerġija**, u s-sħana mormija tiegħu **tintuża biex issaħħan mijiet ta' unitajiet domestiċi fiż-żona.**


©CSC

Fl-istess ħin, l-Ewropa saret il-pijunier globali tad-drittijiet taċ-ċittadini online. Bl-**Att dwar is-Servizzi Diġitali**, stabbilixxejna l-prinċipji bażiċi għall-kumpaniji diġitali kollha fl-Ewropa, kif ukoll drittijiet ċari għall-utenti. Aħna ddefinixxejna r-responsabbiltajiet speċjali tal-pjattaformi kbar tal-internet fuq il-kontenut li jippromwovu u jxerrdu — biex ngħinu fl-indirizzar tad-diskors ta' mibegħda u d-diżinformazzjoni, pereżempju, u biex nipproteġu lill-minorenni. U bl-**Att dwar is-Swieq Diġitali**, qed niżguraw li l-kumpaniji diġitali ewlenin jaġixxu b'regoli ġusti u jiżguraw it-trasparenza u ċ-ċertezza legali għan-negozji tal-UE.

L-istess jgħodd għall-Intelliġenza Artifiċjali. Bl-**Att tagħna dwar l-IA** favorevoli għall-innovazzjoni, l-UE hija l-ewwel u s'issa l-uniku kontinent li għandha fis-seħħ regolament iddedikat dwar l-IA, iffukat fuq użi ta' riskju għoli. Aktar minn ġabra ta' regoli, **l-Att dwar l-IA huwa punt tat-tluq għall-kumpaniji tagħna biex ikunu minn ta' quddiem fl-iżvilupp ta' IA affidabbli**.

Nafu li l-IA tista' tagħti spinta kbira lill-produttività tal-kumpaniji tagħna. Għalhekk qed ngħinuhom jintegraw l-IA fil-proċessi tan-negozju tagħhom. Pereżempju, **qed nipprovdu aċċess lin-negozji l-ġodda u lill-SMEs għas-superkompjuters tagħna ta' klassi dinjija**, sabiex ikunu jistgħu jiżviluppaw, jitħarrġu u jittestjaw mudelli kbar tal-IA.




**Nines**, **Spanjola** li tgħix f'Vigo ma' żewġha u tlett itfal, għaddejja minn kura għall-kanċer tas-sider metastatiku. Intgħażlet biex tipparteċipa fil-**proġett DIPCAN** — studju dwar il-kanċer iffinanzjat taħt **NextGenerationEU**, li se jilħaq 2 000 pazjent. Dan jintegra **d-*data* dwar is-saħħa** u l-**Intelliġenza Artifiċjali** tal-pazjent biex jidentifika l-aħjar u l-aktar trattament effiċjenti għal kull individwu. Nines qed tirċievi trattament personalizzat u t-tobba tagħha huma kunfidenti li, bis-saħħa tat-trattamenti aktar effiċjenti permessi mid-dijanjożi ta' DIPCAN, l-istennija tal-għomor tagħha tista' tiżdied. **Messaġġ mingħand Nines: "Aktar riċerka, aktar ħajja".**

Fl-istess ħin, żviluppajna mod sigur biex **nisfruttaw il-potenzjal ekonomiku tad-*data***. Bl-**Att dwar id-*Data***, se ninċentivaw il-kondiviżjoni tad-*data* minn dawk li jiġġenerawha u jagħmlu is-swieq cloud tagħna huma aktar kompetittivi — żieda ta' għexieren ta' biljuni ta' euro mal-PDG tagħna sal-2028.

**Id-deċennju diġitali tal-Ewropa jagħti riżultati.**

## KISBIET EWLENIN

Matul dan il-perjodu, l-Ewropa investiet aktar fil-qasam diġitali minn qatt qabel. Illum, **8 minn kull 10 Ewropej igawdu aċċess għan-network 5G**. Madwar 56 % tal-unitajiet domestiċi kollha tal-UE huma konnessi ma' kejbils tal-fibra ottika.

Mill-ewwel jum tagħha fil-kariga, il-Kummissjoni von der Leyen ilha tisfrutta l-potenzjal tat-teknoloġiji emerġenti, filwaqt li tipproteġi liċ-ċittadini. Bl-**Att dwar l-IA**, l-UE qed issir l-**ewwel ġuriżdizzjoni fid-dinja li tiżgura li l-IA tibqa' sikura u ċċentrata fuq il-bniedem**. Din il-Kummissjoni stabbiliet għan ambizzjuż li tinvesti aktar minn EUR 1 biljun fis-sena fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-IA. **Fl-2022, immobilizzajna EUR 3 biljun għar-riċerka u l-iżvilupp tal-IA.**




L-**Att dwar il-Governanza tad-*Data***, li ilu fis-seħħ minn Settembru 2023, jistabbilixxi rekwiżiti biex tiżdied il-fiduċja fl-intermedjarji tad-*data* u jsaħħaħ il-mekkaniżmi tal-kondiviżjoni tad-*data*.




L-**Att dwar is-Servizzi Diġitali** jistabbilixxi **standard ġdid għall-obbligu ta' rendikont tal-pjattaformi online**. Skont l-Att, Pjattaformi Online Kbar ħafna jew Magni tat-Tiftix li jilħqu aktar minn 45 miljun utent kull xahar huma soġġetti għal regoli aktar stretti. Sal-lum, **22 servizz ġew iddeżinjati bħala Pjattaformi Online Kbar Ħafna**.




Bl-**Att dwar is-Swieq Diġitali**, l-UE stabbiliet stadju importanti globali **biex tirregola s-saħħa ekonomika tal-"gwardjani" diġitali, uħud mill-akbar kumpaniji globali diġitali**. F'Settembru 2023, il-Kummissjoni ddeżinjat **sitt gwardjani skont l-Att** — Alphabet, Amazon, Apple, ByteDance, Meta u Microsoft — li flimkien jammontaw għal 22 servizz ewlieni tal-pjattaforma.




Biex l-Ewropej jingħataw identità diġitali sikura u sigura, din il-Kummissjoni pproponiet **Kartiera tal-Identità Diġitali** ġdida. Minn tmiem l-2026, il-Kartiera se tippermetti liċ-ċittadini tal-UE jkollhom **identità diġitali sigura li tipproteġi d-*data* personali**.




Biex issaħħaħ ir-reżiljenza tagħna għat-theddid ċibernetiku, il-Kummissjoni introduċiet id-**Direttiva NIS2,** li tespandi r-regoli dwar iċ-ċibersigurtà biex tkopri setturi ġodda, bħall-fornituri tat-telekomunikazzjoni, is-servizzi postali, l-amministrazzjoni pubblika, u l-kura tas-saħħa.




Il-Kummissjoni pproponiet **Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika**, li jistabbilixxi r-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għall-prodotti kollha tal-hardware u tas-software fis-suq Ewropew, minn monitors tat-trabi u logħob tal-kompjuter sa firewalls u routers.




L-**Att tal-UE dwar is-Solidarjetà Ċibernetika** jipproponi miżuri biex tingħata spinta lit-tħejjija ċibernetika għall-entitajiet kritiċi u jissaħħu l-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ta' rispons.




Biex tħejji lill-Ewropej għat-tranżizzjoni diġitali, il-Kummissjoni stabbiliet inizjattivi biex tappoġġa ż-żieda fl-għadd ta' gradwati fl-ICT, u biex tappoġġa liċ-ċittadini fl-isforzi tagħhom biex jiksbu ħiliet diġitali ġodda inkluż l-**Akkademja tal-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà** u l-**Pjattaforma għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali**.




Skont il-**Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali**, il-Kummissjoni tkompli ssegwi l-prestazzjoni tal-Ewropa f'erba' oqsma: l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda minn negozji bħall-IA, id-*data* u l-cloud; l-avvanz tal-infrastrutturi tal-konnettività, tal-computing u tad-*data* tal-UE; u d-disponibbiltà online tas-servizzi u l-amministrazzjoni pubbliċi. Il-Programm stabbilixxa **miri konkreti biex sal-2030 jintlaħaq, b'mod partikolari l-għan li jiġi żgurat li 80 % ta' dawk li għandhom bejn is-16 u l-74 sena jkollhom ħiliet diġitali bażiċi**.

# Approċċ prattiku biex titrawwem il-kompetittività industrijali tal-Ewropa

L-industrija tal-Ewropa tinsab fiċ-ċentru tal-missjoni tagħna li nwasslu l-prosperità għall-poplu tagħna. U huwa kruċjali għall-ambizzjoni tagħna li nibnu ekonomija nadifa. Biex ngħinu lill-industrija tagħna tibqa' kompetittiva globalment matul it-tranżizzjoni, **żviluppajna approċċ rapidu għall-appoġġ ta' setturi ewlenin, miċ-ċipep sat-teknoloġija nadifa, mill-batteriji sar-riħ**. Dan jgħaqqad l-investiment, il-ħiliet, il-faċilitajiet regolatorji intelliġenti u l-kooperazzjoni mas-sħab.

Ittestjajna dan l-approċċ bl-**Att Ewropew dwar iċ-Ċipep**, biex nagħtu spinta lill-manifattura taċ-ċipep u nappoġġaw l-espansjoni u l-innovazzjoni tul il-katina tal-valur. U dan ħalla riżultat. **L-Att dwar iċ-Ċipep diġà ġġenera aktar minn EUR 100 biljun ta' investimenti ppjanati** tul il-katina tal-valur kollha. U qed toħloq impjiegi tajbin madwar l-Ewropa, minn Magdeburg sa Catania, minn Dublin sa Dresden, minn Wrocław sa Grenoble.

Ir-reġjun tas-**Sassonja**, fil-Ġermanja tal-Lvant, kiseb suċċess fit-tranżizzjoni biex isir wieħed miċ-ċentri tat-teknoloġija preeminenti fl-Ewropa, b'enfasi speċjali fuq l-elettronika. **Il-finanzjament tal-UE** kellu rwol ewlieni u għen biex jattira investimenti addizzjonali. L-aktar proġett prominenti huwa investiment ta' **EUR 5 biljun** minn Infineon f'impjant ġdid għall-produzzjoni taċ-ċipep, li għandu joħloq madwar 1 000 impjieg ġdid bi kwalifiki għoljin. Infineon qed jistenna **EUR 1 biljun f'finanzjament pubbliku**.



Qed napplikaw l-istess approċċ biex niżguraw li l-futur tal-industrija tat-teknoloġija nadifa tagħna jsir fl-Ewropa. L-**Att tagħna dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti** se jgħin lill-UE tibni kapaċità tal-manifattura domestika b'saħħitha. Sal-2030, mill-inqas 40 % tad-domanda tagħna għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jenħtieġ li tkun koperta mill-kapaċità tal-manifattura Ewropea. Il-proġetti u l-widien strateġiċi tagħna, li jippermettu riformi u regoli mmirati dwar l-akkwist u l-irkant, jistgħu jgħinu lill-UE **ssir mexxejja globali fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u toħloq impjiegi ekoloġiċi u ta' kwalità interna**.

Bl-istess mod, żviluppajna l-**Att dwar il-Materja Prima Kritika** biex niżguraw l-aċċess għall-kumpaniji tagħna għal materjali essenzjali, li huma kruċjali għall-kompetittività u s-sigurtà ekonomika tal-Ewropa. Illum, l-Ewropa iġġib il-maġġoranza tal-elementi terrestri rari tagħha u materja prima kritika oħra miċ-Ċina. Tensjonijiet jew avvenimenti ġeopolitiċi bħall-pandemija jistgħu fi kwalunkwe ħin iwasslu għal problemi serji ta' produzzjoni downstream fl-Ewropa. Huwa għalhekk li żviluppajna l-prinċipju l-ġdid ta' "tneħħija tar-riskju, mhux diżakkoppjament" lejn iċ-Ċina, li sa issa huwa aċċettat mill-Istati Membri tal-UE u mis-sħab tal-G7. Qed niżviluppaw proġetti ġodda fl-Ewropa, iżda wkoll sħubijiet strateġiċi ta' benefiċċju ma' pajjiżi bħall-Awstralja, iċ-Ċilì jew il-Kanada, biex niżguraw u nipproċessaw materja prima kritika u niddiversifikaw il-ktajjen tal-provvista tal-kumpaniji Ewropej.

U biex nadattaw għar-realtajiet ġeopolitiċi, żviluppajna **l-ewwel Strateġija ta' Sigurtà Ekonomika tagħna**, b'passi konkreti biex inżidu r-reżiljenza tagħna u nnaqqsu r-riskju tal-ekonomija tagħna. Hawnhekk ukoll, l-approċċ tagħna huwa prammatiku: il-promozzjoni tal-kapaċitajiet proprji tal-Ewropa f'setturi ewlenin, il-protezzjoni kontra d-dipendenzi u s-sħubijiet biex jitmexxew 'il quddiem l-interessi kondiviżi. **Dan qed jagħmel l-Ewropa aktar b'saħħitha u aktar sikura.**

## KISBIET EWLENIN




Il-Kummissjoni **xprunat l-investiment, l-innovazzjoni u l-kreattività** fl-ekonomija. Bl-appoġġ tal-programm InvestEU tagħna, għandna l-għan li nimmobilizzaw aktar minn **EUR 372 biljun ta' investiment privat u pubbliku fil-prijoritajiet ekoloġiċi, diġitali u soċjali tagħna**. Sal-lum, **175 proġett ġew approvati u appoġġati minn InvestEU**.




Fi Frar 2024, il-koleġiżlaturi qablu dwar l-**aktar riforma komprensiva tar-regoli** tal-**governanza ekonomika** mill-kriżi finanzjarja 'l hawn. Ir-regoli l-ġodda se **jgħinu biex il-finanzi pubbliċi jerġgħu lura fit-triq it-tajba** u **jipprovdu biżżejjed spazju għall-investiment**.




F'konformità mal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni adottat **Qafas Temporanju ta' Għajnuna mill-Istat għall-Kriżijiet u t-Tranżizzjoni**, li japprova kważi **EUR 13-il biljun** f'miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex **jitħaffef il-finanzjament għall-produzzjoni tat-teknoloġija nadifa**.




F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli ppreżentaw l-**ewwel strateġija Ewropea għas-sigurtà ekonomika**. L-Istrateġija tiffoka fuq **erba' kategoriji ta' riskju**: ir-riskji għar-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, għas-sigurtà tal-infrastruttura kritika, għas-sigurtà tat-teknoloġija u għat-tnixxija tat-teknoloġija, u r-riskji tal-użu tad-dipendenzi ekonomiċi u l-koerċizzjoni ekonomika bħala arma. F'Ottubru 2023, il-Kummissjoni identifikat **erba' oqsma kritiċi għas-sigurtà ekonomika: teknoloġiji avvanzati tas-semikondutturi, teknoloġiji tal-IA, teknoloġiji kwantistiċi, u bijoteknoloġiji**.




Matul dan it-terminu, il-Kummissjoni introduċiet it-**Tassonomija tal-UE**, li tipprovdi definizzjoni komuni għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli. Mill-2021, it-Tassonomija tal-UE kopriet madwar żewġ terzi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Ewropa. Bħala medja, **madwar 20 % tan-nefqa kapitali minn kumpaniji tal-UE elenkati kbar huma allinjati mat-tassonomija**.




Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll qafas legali għal **Standard għall-Bonds Ekoloġiċi**. Il-fondi miġbura minn dan it-tip ta' bond se jkunu allinjati **100 % mal-istandards ambjentali għoljin tat-Tassonomija tal-UE**.




Il-Kummissjoni wittiet it-triq madwar id-dinja fl-istabbiliment ta' regoli għal kriptoassi li qabel ma kinux regolati. Ir-**Regolament dwar is-Swieq fil-Kriptoassi** jġib il-kriptoassi u l-fornituri tas-servizzi tagħhom taħt regolamentazzjoni u superviżjoni.




Matul dan il-mandat, il-Kummissjoni introduċiet l-**Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali**, li għandu l-għan li jsaħħaħ iċ-ċibersigurtà tas-settur finanzjarju tal-Ewropa.




Il-Kummissjoni ressqet regoli ġodda għall-**pagamenti istantanji f'euro**. Stabbilixxejna wkoll prinċipji għal **euro diġitali** futur, li ġew adottati fi Frar 2024.




L-UE kienet waħda mill-**ewwel ġurisdizzjonijiet fid-dinja** li implimentat il-ftehim dwar it-taxxa mingħajr preċedent stabbilit mill-OECD. Il-Kummissjoni ressqet Direttiva li tistabbilixxi **rata tat-taxxa effettiva minima ta' 15 % għall-kumpaniji multinazzjonali attivi fl-Istati Membri tal-UE**. Ilu fis-seħħ minn Jannar 2024.




Il-Kummissjoni pproponiet inizjattivi ewlenin biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-konformità mar-regoli tat-taxxa, inkluż **"In-Negozju fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu" (BEFIT)**. Il-BEFIT se jintroduċi sett uniku ta' regoli biex tiġi ddeterminata l-bażi għat-taxxa ta' gruppi ta' kumpaniji. Dan se jnaqqas il-kostijiet tal-konformità għan-negozji li joperaw f'aktar minn Stat Membru wieħed.




Il-Kummissjoni von der Leyen ressqet **l-aktar riforma ambizzjuża u komprensiva tal-Unjoni Doganali tal-UE mit-twaqqif tagħha fl-1968**. Ir-riforma tagħna **se tissimplifika r-rekwiżiti ta' rappurtar doganali għan-negozjanti**.

# L-ekonomija soċjali tas-suq tagħna

Il-kompetittività tal-ekonomija soċjali tas-suq tagħna hija mibnija fuq il-kapital uman tagħna — fuq il-ħiliet u l-benesseri tal-ħaddiema tagħna. Sa mill-bidu tal-mandat, dan kien fil-qalba tal-azzjoni tagħna.

Stabbilixxejna l-**Patt għall-Ħiliet**, biex nagħtu lill-ħaddiema t-taħriġ li jeħtieġu biex iqabblu l-ħtiġijiet tan-negozji, u appoġġajnieh b'investimenti ta' **EUR 65 biljun fil-ħiliet mill-baġit tal-UE u min-NextGenerationEU**. Dan huwa ta' importanza kbira għan-nies tagħna u għall-kumpaniji tagħna, peress li żewġ terzi tal-SMEs fl-Ewropa jgħidu li ma jistgħux isibu t-talent li jeħtieġu.

**Nikola** ilu jaħdem għal aktar minn 12-il sena fil-kumpless tat-tħaffir tal-faħam Maritsa Iztok fil-**Bulgarija**, wieħed mill-akbar tat-tip tiegħu fix-Xlokk tal-Ewropa. Huwa ddeċieda li jikseb **ħiliet ġodda għall-futur**. Bħala parti mis-**Sena Ewropea tal-Ħiliet**, huwa ngħaqad mal-**proġett RES-SKILL**, li qed jerġa' jħarreġ lill-ħaddiema tal-faħam għas-**settur tal-enerġija rinnovabbli**. Bil-kwalifiki l-ġodda, se jkun lest għall-ekonomija moderna u nadifa.



© Vihren Georgiev, 2023



© Adobe Stock

Iżda l-kompetittività tagħna hija mibnija wkoll fuq kundizzjonijiet tax-xogħol li jippermettu lill-ħaddiema tagħna jirnexxu u jiffukaw fuq xogħolhom. Il-Kummissjoni von der Leyen wegħdet u wettqet: issa għandna qafas tal-UE biex **intejbu l-adegwatezza tal-pagi minimi**. Il-ħaddiema għandhom jaqilgħu pagi li jippermettu għajxien deċenti kull fejn jaħdmu.

Hekk kif jitfaċċaw modi ġodda ta' xogħol, dawn iġibu magħhom ukoll sfidi, pereżempju f'termini ta' aċċess għad-drittijiet tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali. Din hija r-raġuni għaliex ipproponejna regoli biex intejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi — kif impenjajna ruħna għalihom fil-bidu tal-mandat ta' din il-Kummissjoni. Fl-2021, aktar minn 500 pjattaforma diġitali kienu attivi fl-UE li joffru xogħol lil aktar minn 28 miljun persuna — il-biċċa l-kbira minnhom jaħdmu għal rashom iżda oħrajn fil-fatt huma ħaddiema.

Aħna stabbilejna wkoll regoli dwar it-**trasparenza fil-pagi**, biex il-prinċipju bażiku li **xogħol ugwali jistħoqqlu paga ugwali jsir realtà, irrispettivament minn jekk intix mara jew raġel**. U introduċejna **Garanzija għat-Tfal**, sabiex il-familji fil-bżonn ikunu jistgħu jaffordjaw l-indukrar tat-tfal, u li l-ommijiet u l-missirijiet ikunu jistgħu jaħdmu u jkollhom familja. L-Ewropa teħtieġ it-talent kollu tagħha.

Irnexxielna wkoll nimbuttaw fuq il-linja għan dejjiemi: **li jinġiebu aktar nisa fil-bordijiet korporattivi tal-Ewropa**. Bl-adozzjoni tad-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet, li kienet ilha mwaħħla għal 10 snin, l-Unjoni tagħna issa għandha fis-seħħ **mira ta' 40 % tad-diretturi mhux eżekuttivi f'kumpaniji elenkati biex ikunu nisa**. Din hija aħbar tajba għan-nisa, peress li tikser is-saqaf tal-ħġieġ. U hija aħbar tajba għall-ekonomija tagħna, peress li l-kumpaniji li jħaddnu d-diversità huma aktar ta' suċċess.




Matul dan il-mandat, il-Kummissjoni ressqet ukoll inizjattivi ġodda kontra r-razziżmu u l-anti-semitiżmu, iżda wkoll għall-persuni LGBTIQ, l-individwi b'diżabilità, u r-Rom. Ħdimna għal Unjoni aħjar, fejn Ewropej ta' kull kulur, twemmin, età, ġeneru, u orjentazzjonijiet sesswali jistgħu jirnexxu.

Mira ta'
**40 %**
**ta' diretturi mhux eżekuttivi nisa**
f'kumpaniji elenkati

## KISBIET EWLENIN

Il-Kummissjoni stabbiliet **Pjan ta' Azzjoni biex il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** jingħata l-ħajja. Il-Pjan jistabbilixxi miri ċari għall-UE biex tilħaq sal-2030: biex jintlaħaq **78 % tal-impjiegi, tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ta' 60 % tal-adulti fit-taħriġ annwali**, u **jitnaqqas l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun**.

Fl-aħħar ta' Jannar 2024, il-President von der Leyen ospitat b'mod konġunt is-**Summit tas-Sħab Soċjali ta' Val Duchesse**, li laqqa' flimkien l-istituzzjonijiet tal-UE u s-sħab soċjali biex jissaħħaħ id-djalogu soċjali.

Sabiex jiġu żgurati l-prosperità u l-benesseri futuri fl-UE, huwa kruċjali li jiġu indirizzati l-isfidi li ġġib magħha t-tranżizzjoni demografika. Il-Kummissjoni ressqet is-**Sett ta' Għodod tad-Demografija**. Is-sett ta' għodod huwa strutturat madwar erba' pilastri: (i) l-appoġġ lill-ġenituri biex jirrikonċiljaw aħjar l-aspirazzjonijiet tal-familja u x-xogħol imħallas, (ii) L-appoġġ u l-għoti tas-setgħa lill-ġenerazzjonijiet żgħażagħ, (iii) l-għoti tas-setgħa lill-ġenerazzjonijiet akbar fl-età u s-sostenn tal-benesseri tagħhom, u (iv) l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema permezz ta' migrazzjoni legali ġestita fejn meħtieġ.

### Miri soċjali tal-UE sal-2030



2021 → 2030

Mill-inqas **78 %** tal-popolazzjoni li jkollhom bejn l-20 u l-64 sena għandu jkollhom **impjieg** sal-2030



2021 → 2030

Mill-inqas **60 %** tal-adulti kollha għandhom **jipparteċipaw f'taħriġ** kull sena sal-2030



Mill-inqas **15-il miljun** persuna inqas fir-**riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali** sal-2030

# Ekonomija għas-servizz tan-nies

## IS-SITWAZZJONI **EKONOMIKA**

**L-ekonomija tal-UE tkompli turi reżiljenza notevoli** fost ix-xokkijiet ekonomiċi suċċessivi ta' dawn l-aħħar snin.

### Irbit Ekonomiku b'Saħħtu

Fil-perjodu 2021–2023 (*) l-ekonomija tal-UE reġgħet żdiedet b'**10 %** meta mqabbla mal-livell tal-2020.

### Espansjoni

L-espansjoni kienet appoġġata minn **suq tax-xogħol robust**, bir-rati tal-qgħad jilħqu livelli baxxi rekord u bl-impjiegi jiżdiedu.

### Qgħad

Rata tal-qgħad totali fl-UE, aġġustata staġunalment




Sors: Eurostat.

## NEXTGENERATIONEU

In-NextGenerationEU huwa aktar minn sempliċiment rispons għall-isfidi ppreżentati mill-pandemija tal-COVID-19: **Din hija opportunità storika biex tinbena ekonomija li taħdem għal kull ċittadin tal-UE**.

### Investiment

Investiment Ewropew komuni ta' aktar minn **EUR 800 biljun** biex l-Ewropa ssir aktar b'saħħitha, ekoloġika u diġitali.

### Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

**EUR 385 biljun** f'self




**EUR 338 biljun** f'għotjiet għall-investiment f'riformi u proġetti

### Żborż

B'kollox, diġà ġie żborżat total ta' kważi **EUR 225 biljun**, inkluż **EUR 67 biljun** fi prefinanzjament.

### PDG

L-investiment iffinanzjat minn NextGenerationEU waħdu jista' jagħti spinta lill-PDG tal-UE b'madwar **1.4 %** fl-2026. (**).

(*) Dan jinkludi *data* preliminari għall-2023.
(**) dan ma jinkludix l-impatt sinifikanti li jsaħħaħ it-tkabbir tar-riformi fil-pjanijiet ta' rkupru.

## INVESTIMENT **FIL-ĦILIET**

### Sena Ewropea tal-Ħiliet

Bl-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet, l-UE qed tinvesti ħafna fit-**tagħlim tul il-ħajja**, biex tadatta l-ħiliet tan-nies għas-suq tax-xogħol li dejjem qed jinbidel.

Aktar minn **2 000 avveniment** u laqgħa poġġew il-ħiliet fiċ-ċentru tax-xena matul is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.

### Fondi

L-UE qed tinvesti madwar **EUR 65 biljun** fi programmi tal-ħiliet, l-aktar permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Fond Soċjali Ewropew Plus.

### Patt għall-Ħiliet

Fit-2022, **2 miljun** persuna bbenefikaw minn attivitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid skont il-Patt għall-Ħiliet.

**15 500** programm ta' taħriġ ġew aġġornati jew żviluppati taħt il-Patt fl-2022.



© Getty Images

## SUQ UNIKU

Għal tliet deċennji sħaħ fassalna suq uniku b'saħħtu, **l-akbar suq tad-dinja**, b'dimensjoni soċjali b'saħħitha.

### PDG

Dan jammonta għal

**15 %** tal-PDG globali

Huwa stmat li dan żied il-PDG tal-UE b'**9 %** addizzjonali mill-ħolqien tiegħu tliet deċennji ilu.

### Daqs

Dan jinkludi

**440 miljun** ċittadin

**23 miljun** negozju





Sabiex tgħin lill-ġenerazzjoni li jmiss ta' Ewropej tirnexxi, il-Kummissjoni ressqet Rakkomandazzjoni li tistabbilixxi **Garanzija Ewropea għat-Tfal,** li tiżgura li kull tifel u tifla f'riskju ta' faqar ikollhom aċċess għall-aktar drittijiet bażiċi filwaqt li tgħin ukoll lill-ġenituri li ma jkollhomx għalfejn jagħżlu bejn li jaħdmu u li jkollhom familja.

Bis-saħħa tal-**finanzjament tal-UE**, **faċilità għall-indukrar tat-tfal** fiż-żona industrijali ta' Ċipru ta' Agios Athanasios tippermetti lill-ġenituri żgħażagħ, b'mod partikolari lin-nisa, **jaħdmu u jipprovdu għall-familja tagħhom** filwaqt li jiżguraw li **t-tfal tagħhom jingħataw kura** qrib ħafna taż-żona tax-xogħol tagħhom.







Din il-Kummissjoni nediet ukoll il-programm ta' **Appoġġ għall-Impjieg taż-Żgħażagħ**, bl-għan li **jipprovdi pont għall-impjiegi għall-ġenerazzjoni li jmiss**. Fil-qalba ta' din l-inizjattiva tinsab il-**Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa**. Il-garanzija għaż-Żgħażagħ tiżgura li **ż-żgħażagħ taħt it-30 sena jiġu offruti impjieg, edukazzjoni kontinwa, traineeship, jew apprendistat** fi żmien 4 xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni.

Minn Novembru 2022, għandna regoli ġodda **biex intejbu l-adegwatezza tal-pagi minimi f'pajjiżi b'pagi minimi statutorji**, filwaqt li nistabbilixxu kriterji ċari għall-iffissar tal-pagi u l-aġġornamenti. Ir-regoli **jippromwovu wkoll aktar negozjar kollettiv** u infurzar u monitoraġġ aħjar.

Il-Kummissjoni introduċiet ukoll regoli rivoluzzjonarji dwar it-**trasparenza fil-pagi**, li se jgħinu biex **titnaqqas id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa**. Ir-regoli se jgħinu biex jiġi infurzat il-**prinċipju ta' paga ugwali bejn in-nisa u l-irġiel**, u se **jtejbu l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi ta' diskriminazzjoni fil-pagi**.




Matul dan il-mandat, il-koleġiżlaturi qablu wkoll dwar regoli ġodda li se **jikkriminalizzaw il-vjolenza fiżika, kif ukoll il-vjolenza psikoloġika, ekonomika u sesswali kontra n-nisa madwar l-UE**.

Bl-intenzjoni li ttejjeb is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, il-Kummissjoni stabbiliet **qafas strateġiku tal-UE 2021–2027 dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol**.

Aħna ppreżentajna diversi proposti biex nillimitaw ir-riskji li l-ħaddiema jiffaċċjaw mill-esponiment għal sustanzi perikolużi, inklużi l-asbestos, iċ-ċomb, id-diisoċjanati, u **karċinoġeni, mutaġeni u sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni oħra**.

**Sebgħa u tletin familja reġgħu lura fid-djar** matul l-2021-2023 f'Košice, wara li esperjenzaw problema kronika ta' persuni mingħajr dar, bis-saħħa tal-**"Pjan għall-Ġlieda kontra l-Kondizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar" ta' Košice u tas-Slovakkja**. Bl-**appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew**, l-NGOs lokali, immexxija mill-Fondazzjoni DEDO, għenu lill-familji jsibu u jżommu l-akkomodazzjoni.






Din il-Kummissjoni pproponiet ukoll **approċċ komprensiv ġdid għas-saħħa mentali**. Il-pjan jiffoka fuq dawk l-aktar vulnerabbli, bħat-tfal, iż-żgħażagħ, u l-anzjani, u jinkludi **20 inizjattiva ewlenija u EUR 1.23 biljun f'finanzjament** għall-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni.

Il-Kummissjoni wittiet it-triq biex tinbena **Unjoni ta' Ugwaljanza**. Flimkien ma' strateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, stabbilixxejna l-ewwel **pjan ta' azzjoni kontra r-razziżmu** li qatt sar u l-ewwel **strateġija tal-UE kontra l-anti-semitiżmu** u dwar it-**trawwim tal-ħajja Lhudija**. Din il-Kummissjoni adottat ukoll l-ewwel **strateġija tal-LGBTIQ** li qatt saret. F'Ottubru 2020, saħħaħna qafas biex nappoġġaw lir-**Rom** fl-UE.





F'Marzu 2021, adottajna l-**Istrateġija 2021–2030 għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità**. Il-koleġiżlaturi diġà qablu dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal **Kard Ewropea tad-Diżabilità** u **Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità**.

# Nindirizzaw il-migrazzjoni irregolari

L-Ewropa hija kontinent li l-istorja tiegħu ssawret minn ħafna popli. Aħna dejjem se nappoġġaw l-obbligi tagħna li nipprovdu sikurezza lin-nies li jfittxu protezzjoni internazzjonali, u aħna kburin li noffru mogħdijiet ta' migrazzjoni legali li se jkunu ta' benefiċċju wkoll għas-soċjetajiet u l-ekonomiji Ewropej. Madankollu, fi kriżijiet tal-passat meta għadd bla preċedent ta' refuġjati u migranti irregolari daħlu fl-UE, deher ċar li l-Ewropa ma kellhiex l-għodod it-tajba biex tlaħħaq mal-pressjonijiet.

Fil-bidu tal-mandat ta' din il-Kummissjoni, aħna għalhekk impenjajna ruħna li nistabbilixxu **sistema komuni għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni fl-UE**. Huwa għalhekk li ppproponejna **Patt ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**.



Wara negozjati politiċi u legali kumplessi, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew laħqu ftehim dwar dan is-sett komprensiv ta' regoli, li **ta bidu ġdid lill-Ewropa**, fejn għal għexieren ta' snin rajna biss imblukkar u staġnar.

Bir-regoli l-ġodda, se **niżguraw aħjar il-kontroll tal-fruntiera esterna tagħna**. Qed **nagħmlu l-proċeduri tal-ażil, tar-ritorn u tal-fruntieri aktar rapidi u aktar effettivi**, b'limiti ta' żmien aktar stretti u regoli aktar stretti biex jiġu limitati l-applikazzjonijiet abbużivi jew sussegwenti, bil-garanziji meħtieġa għall-individwi. Id-deċiżjonijiet ta' ritorn għal dawk mingħajr dritt ta' soġġorn se jinħarġu minnufih.

**Il-Greċja** qed tkun pijuniera fi **proġett ta' integrazzjoni**, iffinanzjat minn **NextGenerationEU**, fejn ir-**refuġjati u l-migranti**, inklużi l-persuni b'diżabilità, jiġu **mħarrġa fil-protezzjoni kontra n-nirien u t-terremoti**. Il-proġett iqarreb ir-residenti lokali u l-migranti lejn xulxin biex jiffaċċjaw sfidi komuni.


© Il-Ministeru għall-Migrazzjoni u l-Ażil, ir-Repubblika Ellenika

U issa għandna regoli aktar ċari dwar ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, b'**miżuri mtejba biex jillimitaw il-movimenti sekondarji**.

**L-Istati Membri se jappoġġaw lil xulxin bl-użu ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà flessibbli iżda permanenti**. Kull waħda minnhom se tkun tista' tagħżel it-tip ta' solidarjetà li tixtieq tipprovdi. L-Unjoni tagħna issa hija mgħammra aħjar biex timmaniġġja l-migrazzjoni.

B'mod parallel mal-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni aktar effettiva, matul dan il-mandat, il-Kummissjoni appoġġat lill-Istati Membri biex jindirizzaw l-**isfidi immedjati** — minn żieda fil-wasliet fil-Mediterran sal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni mill-Belarussja — b'appoġġ operazzjonali u b'assistenza mill-aġenziji tal-UE. U bnejna **sħubijiet ma' pajjiżi terzi** biex niġġieldu l-kuntrabandu u nżidu r-ritorni.

Is-sħubija komprensiva li ffirmajna mat-**Tuneżija**, pereżempju, iġġib benefiċċji reċiproċi lil hinn mill-migrazzjoni — mill-enerġija u l-edukazzjoni sal-ħiliet u s-sigurtà. Dan huwa l-pjan ta' azzjoni għal ftehimiet oħra li għandhom jiġu ffirmati ma' pajjiżi sħab, biex titrawwem il-kooperazzjoni u tittejjeb il-ġestjoni tal-migrazzjoni.

## PATT ĠDID DWAR IL-MIGRAZZJONI U L-AŻIL: KRONOLOĠIJA U KISBIET EWLENIN




## KISBIET EWLENIN



Bil-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Kummissjoni tipprovdi dispożizzjonijiet b'saħħithom biex tipprovdi soluzzjoni fit-tul u sostenibbli biex **tinbena sistema komuni tal-UE għall-ġestjoni tal-migrazzjoni**. Ir-regoli l-ġodda se jiżguraw **ġestjoni robusta u ġusta tal-migrazzjoni u l-ażil**.

Element ewlieni tal-Patt huwa l-kondiviżjoni ġusta tar-**responsabbiltà** u s-**solidarjetà**.

Regoli ġodda se jiċċaraw il-**kriterji għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali, id-drittijiet u l-obbligi tar-refuġjati, u jintroduċu regoli aktar stretti li jissanzjonaw movimenti mhux awtorizzati fl-UE**.

**Il-minorenni mhux akkumpanjati** se jirċievu assistenza immedjata, u l-Istati Membri se jiżguraw li dawk li jfittxu l-ażil b'talbiet fondati sew ikollhom id-**dritt li jaħdmu**.

Biex tibqa' kompetittiva, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet miżuri biex **tattira l-ħiliet u t-talent** li l-ekonomiji tagħna u s-soċjetajiet tagħna jeħtieġu.

Id-**Direttiva dwar il-Karta Blu** tippermetti li ħaddiema bi kwalifiki għoljin minn pajjiżi mhux tal-UE jibbenefikaw minn proċeduri rapidi ta' ammissjoni biex jiġu fl-UE u jikkontribwixxu għall-kompetittività ekonomika tagħha.

Ir-regoli l-ġodda tad-**Direttiva dwar il-Permess Uniku** jipprovdu drittijiet komuni għall-ħaddiema minn pajjiżi mhux tal-UE, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-sigurtà soċjali, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, u l-benefiċċji tat-taxxa.




Il-Kummissjoni segwiet **Sħubijiet ta' Talent** innovattivi ma' pajjiżi sħab ewlenin, inklużi l-Marokk, it-Tuneżija, l-Eġittu, il-Bangladesh u l-Pakistan. Dawn se jippermettu lin-nies minn dawk il-pajjiżi jaħdmu, jistudjaw u jitħarrġu fl-UE, filwaqt li jiżviluppaw ħiliet ġodda li aktar tard jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.




Matul dan il-mandat, il-Kummissjoni ressqet **erba' pjanijiet ta' azzjoni** għar-rotot migratorji ewlenin: **il-Mediterran Ċentrali, il-Balkani tal-Punent, il-Mediterran tal-Punent u l-Atlantiku, il-Lvant tal-Mediterran**. Meta l-Italja ffaċċjat żieda qawwija fil-wasliet irregolari fis-sajf tal-2023, il-President **von der Leyen** nediet il-**pjan ta' 10 punti għal Lampedusa.**




Il-pjanijiet ta' Azzjoni taw riżultati. Fil-Balkani tal-Punent, il-wasliet fl-2023 **naqsu b' 31 % meta mqabbla mal-2022**.




Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll **appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri**. Madwar EUR 6 biljun mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (2019–2023) ġew żborżati biex jappoġġaw lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-migrazzjoni; ġew ipprovduti EUR 3 biljun mill-Fond għas-Sigurtà Interna — Fruntieri u Viża (2019–2020) għall-ġestjoni tal-fruntieri; u EUR 1 biljun mill-Fond għas-Sigurtà Interna — Pulizija (2019-2020) ikkontribwew għat-tisħiħ tas-sigurtà.



Il-Kummissjoni nediet Sejħa għal Azzjoni għal **Alleanza Globali għall-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin** ta' Migranti f'Konferenza Internazzjonali fi Brussell flimkien ma' pajjiżi madwar id-dinja. Fl-istess ħin, ipproponejna wkoll **leġiżlazzjoni ġdida għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti**, li taġġorna l-qafas leġiżlattiv ta' 20 sena, biex tintroduċi regoli minimi biex tiġġieled il-faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu u soġġorn mhux awtorizzati fl-UE.

# *Tisħiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt*

Fil-bidu tal-mandat, il-Kummissjoni von der Leyen impenjat ruħha li **tipprijoritizza l-istat tad-dritt u tagħti spinta ġdida lid-demokrazija Ewropea**. Ħafna avvenimenti fl-Unjoni tagħna u barra minnha taw prova tajba: **ma nistgħux nieħdu d-demokrazija bħala fatt**. Irridu niġġieldu għaliha kuljum mill-ġdid. Din il-Kummissjoni żviluppat leġiżlazzjoni biex tiddefendi u ssaħħaħ id-demokrazija, tiġġieled l-indħil barrani, tiġġieled id-diżinformazzjoni u tipproteġi l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, kif ukoll is-sikurezza tal-ġurnalisti.

U ħadna azzjoni mingħajr preċedent biex nirrispettaw l-istat tad-dritt fl-Istati Membri kollha. Stabbilixxejna **Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt**, b'rakkomandazzjonijiet imfassla apposta għal kull Stat Membru biex jiġi evitat ksur tal-istat tad-dritt u biex jissaħħaħ aktar. Meta d-djalogu ma kienx biżżejjed, użajna l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħna, inkluż **il-ksur jew il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità baġitarja**. Dan jippermetti s-sospensjoni tal-pagamenti mill-baġit tal-UE f'każ li l-istat tad-dritt ma jiġix rispettat fi Stat Membru. Fuq talba tal-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni ġiet attivata għall-**Ungerija**.

Indirizzajna l-isfidi għall-istat tad-dritt b'mod sod, biex nipproteġu d-demokrazija Ewropea tagħna u s-soċjetajiet liberi u miftuħa tagħna.




## KISBIET EWLENIN




Bil-**Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea**, il-Kummissjoni ħadet passi konkreti biex tippromwovi elezzjonijiet ħielsa u ġusti, issaħħaħ il-libertà tal-media u tiġġieled id-diżinformazzjoni.

il-Kummissjoni tistabbilixxi liġijiet ġodda dwar ir-**reklamar politiku**, id-drittijiet elettorali u l-finanzjament tal-partiti. Meta jidħlu fis-seħħ, **ir-reklami politiċi se jkollhom jiġu ttikkettati bħala tali u se jkollhom jinkludu referenza ċara għal min ikun qed iħallas għalihom**.



Bl-**Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media**, il-Kummissjoni stabbiliet għall-ewwel darba sett ta' salvagwardji komuni biex tipproteġi l-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-Ewropa, inkluż biex tipproteġi l-indipendenza editorjali u l-pluraliżmu tal-media, u tiżgura l-funzjonament indipendenti tal-media tas-servizz pubbliku.







**Il-proċeduri ta' ksur** huma għodda ewlenija għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt, u bil-**Mekkaniżmu ta' Kondizzjonalità l-ġdid tagħha l-UE issa għandha s-setgħa li żżomm il-fondi tal-UE meta jseħħ ksur tal-istat tad-dritt**.

Sabiex jiġi miġġieled b'mod effettiv ir-riskju ta' **korruzzjoni**, f'Mejju 2023, il-Kummissjoni adottat pakkett ta' **miżuri kontra l-korruzzjoni**, li jinkludi regoli li jikkriminalizzaw ir-reati ta' korruzzjoni u jarmonizzaw il-penali madwar l-UE. U issa qed nimmonitorjaw l-iżviluppi rilevanti għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt.







Għall-ewwel darba, il-Kummissjoni stabbiliet salvagwardji komuni li **jipproteġu l-libertà u l-pluraliżmu tal-media fl-Ewropa** u introduċiet leġiżlazzjoni li **tipproteġi kemm lill-ġurnalisti kif ukoll lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem mill-Kawżi Strateġiċi kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika (SLAPP)**.

Il-Kummissjoni pproponiet il-ħolqien ta' **Korp tal-Etika li jkopri l-istituzzjonijiet kollha tal-UE** li se jistabbilixxi standards dwar l-etika għall-istituzzjonijiet kollha u jiżgura koordinazzjoni regolari bejniethom.






**Għalaqna l-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika (MKV)** li kien ġie introdott mal-adeżjoni tal-**Bulgarija u r-Rumanija** bħala miżura tranżizzjonali biex jiġi ffaċilitat il-progress fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Peress li ż-żewġ Stati Membri kisbu progress notevoli, kienet kwistjoni ta' ġustizzja li dan jintemm.




Biex issaħħaħ l-involviment taċ-ċittadini, il-Kummissjoni kellha rwol ewlieni fil-**Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa**. Aktar minn ħames miljun utent uniku żaru l-pjattaforma diġitali tal-Konferenza. Aktar minn 700 000 parteċipant attendew avvenimenti madwar l-Unjoni tagħna.

Bħala konklużjoni fid-9 ta' Mejju 2022, il-parteċipanti tal-Konferenza ppreżentaw rapport, li kien fih **49 proposta** dwar suġġetti bħas-sigurtà, it-trasformazzjoni diġitali, l-edukazzjoni, il-kultura, iż-żgħażagħ, l-isport u aktar.




**Il-Kummissjoni aġixxiet fuq kważi 95 % tal-miżuri proposti mill-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa** li jaqgħu taħt il-mandat tagħha. Il-programmi ta' ħidma tagħna tal-Kummissjoni għall-2023 u l-2024 ġew xprunati mir-riżultati tal-Konferenza.




Il-Kummissjoni aġġornat ukoll il-**portal Semma' Leħnek** f'punt ta' dħul uniku għall-għodod kollha tagħna għall-involviment taċ-ċittadini.




Għamilna progress importanti dwar fajls leġiżlattivi ewlenin, u **ressaqna aktar minn 840 proposta**. Bis-saħħa ta' kooperazzjoni effettiva mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, **intlaħaq qbil dwar kważi 75 % tal-proposti leġiżlattivi kollha ġestiti minn din il-Kummissjoni**.

# Ewropa aktar b'saħħitha u aktar kuraġġuża fid-dinja

F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni von der Leyen uriet kemm-il darba kemm jistgħu jingħelbu l-isfidi tremendi meta **ssir ħidma mal-ħbieb u mas-sħab**. Il-kapaċità tal-UE li tifforma alleanzi b'saħħithom madwar id-dinja għenet biex jissaħħaħ ir-rwol tal-Ewropa globalment.

L-ewwel żjara tal-Kulleġġ tal-Kummissarji attwali kienet fl-Afrika. Il-ħidma tal-Kummissjoni von der Leyen ġabet ir-**relazzjonijiet mal-Istati Uniti f'livelli ġodda**, permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib b'appoġġ għall-Ukrajna, kif ukoll dwar l-enerġija, l-azzjoni klimatika, il-kummerċ u t-teknoloġija.

Għen ukoll biex jiġu stabbiliti mill-ġdid ir-relazzjonijiet ta' wara l-Brexit mar-**Renju Unit**. Aħna nnegozjajna l-**Qafas ta' Windsor**, li reġa' poġġa waħda mill-aktar relazzjonijiet importanti tagħna fl-Ewropa fi triq pożittiva.

U żviluppajna ġenerazzjoni ġdida ta' sħubijiet ma' **Global Gateway**, l-akbar programm ta' investiment globali tal-Ewropa li qatt kien hemm. Global Gateway, b'valur ta' **EUR 300 biljun**, huwa l-offerta tagħna għal proġetti ta' investiment u infrastruttura ta' kwalità li **jirrispettaw standards ambjentali u soċjali għoljin u joħolqu l-impjiegi u t-tkabbir lokalment**.

**Global Gateway**

L-akbar programm ta' investiment globali tal-Ewropa li qatt sar

Jiswa **EUR 300 biljun**

Intgħażlu aktar minn **200 proġett** emblematiku

Il-Global Gateway hija dwar l-iżvilupp ta' **sħubijiet ta' benefiċċju għal kulħadd** filwaqt li jitqiesu l-interessi tas-sħab tagħna kif ukoll tal-UE f'perspettiva ġeopolitika.

U diġà qed tagħti riżultati. **Intgħażlu aktar minn 200 proġett ewlieni**, b'investimenti ta' EUR 66 biljun minn sħubijiet strateġiċi dwar il-materja prima man-Namibja, iċ-Ċilì u l-Arġentina, għal kollaborazzjoni dwar l-idroġenu rinnovabbli mal-Marokk u l-Eġittu, jew sistema diġitali ta' kejbil taħt il-baħar, imsejħa Medusa, li tgħaqqad l-UE mal-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq. Se jkun hemm ħafna oħrajn.

**Global Gateway** qed tappoġġa l-proġett ambizzjuż tal-**Kuritur Lobito**. Il-kuritur se jgħaqqad il-parti tan-Nofsinhar tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), il-parti tal-Majjistral taż-Żambja, u l-Port ta' Lobito fl-Angola. Dan ser jagħti **spinta lill-aċċess tar-RDK u ż-Żambja għas-swieq kummerċjali globali** billi jtejjeb iċ-ċirkolazzjoni tal-merkanzija u l-mobbiltà taċ-ċittadini.



Implimentat f'approċċ ta' "Tim Ewropa" — l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tal-UE jaħdmu flimkien — Global Gateway mhux biss jappoġġa t-tranżizzjonijiet nodfa u diġitali madwar id-dinja, iżda jżid ukoll l-influwenza tal-UE fix-xena dinjija.

L-Ewropa qed tikkonsolida r-reputazzjoni tagħha bħala sieħeb fit-tul affidabbli, li jaħdem għal benefiċċji reċiproċi.

## IL-GLOBAL GATEWAY: ĦAMES PRIJORITAJIET TA' INVESTIMENT



### DIĠITALI

L-UE tappoġġa internet miftuħ u sigur



### KLIMA U ENERĠIJA

L-UE tappoġġa l-investiment u r-regoli li jwittu t-triq għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa



### TRASPORT

L-UE tappoġġa l-modi kollha tat-trasport ekoloġiku, intelliġenti u sikur



### SAĦĦA

L-UE tgħin fit-tisħiħ tal-ktajjen tal-provvista u tal-produzzjoni lokali tal-vaċċini



### EDUKAZZJONI U RIĊERKA

L-UE tinvesti f'edukazzjoni ta' kwalità għolja, b'enfasi speċjali fuq il-bniet u n-nisa u fuq il-gruppi vulnerabbli

## KISBIET EWLENIN



Il-Kummissjoni von der Leyen saħħet ir-rwol tagħha bħala **mexxej dinji fl-azzjoni klimatika** permezz tal-**Patt Ekoloġiku Ewropew** u l-ħidma intensiva tagħha li tiżgura li s-sħab tagħna madwar id-dinja jissodisfaw **l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi**.



Ikkonkludejna **Alleanzi u Sħubijiet Ekoloġiċi** ma' sħab mill-qrib bħall-Kanada, il-Ġappun, il-Marokk, in-Norveġja, u r-Repubblika tal-Korea; u nedejna **Sħubijiet għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Enerġija** mal-Afrika t'Isfel, is-Senegal, l-Indoneżja u l-Vjetnam biex nappoġġawhom fit-tranżizzjoni ekoloġika tagħhom.







Il-Kummissjoni von der Leyen insistiet biex il-**familja Ewropea tagħna tkun kompluta**. F'Diċembru 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-bidu tan-negozjati tal-adeżjoni mal-**Ukrajna** u l-**Moldova**. Fl-2022 bdejna negozjati ta' adeżjoni mal-**Albanija u l-Maċedonja ta' Fuq; filwaqt li l-Bożnija-Ħerzegovina, u l-Georgia**, ingħataw status ta' kandidat tal-UE.

Barra minn hekk, b'EUR 6 biljun f'finanzjament, il-**Pjan ta' Tkabbir tal-Kummissjoni għall-Balkani tal-Punent** se jġib xi wħud mill-**benefiċċji tas-sħubija qabel l-adeżjoni u jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku** fil-Balkani tal-Punent.

Il-Kummissjoni poġġiet ir-**relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti lura fi triqithom** wara perjodu kkaratterizzat minn nuqqas ta' qbil. Nedejna l-**Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija (TTC) bejn l-UE u l-Istati Uniti** fl-2021, li sar forum privileġġat għal skambji bilaterali. Mexxejna 'l quddiem il-**Kunsill tal-Enerġija u d-Djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti**, u stabbilixxejna Task Force ġdida dwar is-Sigurtà tal-Enerġija. U kkoordinajna mill-qrib fl-**impenn konġunt tagħna li nappoġġaw lill-Ukrajna** fil-gwerra tagħha kontra l-aggressjoni Russa.






Wara l-**attakki terroristiċi brutali tal-Ħamas kontra Iżrael**, ikkundannajna lill-Ħamas bl-aktar mod qawwi possibbli. Aħna nappoġġjaw id-dritt tal-Iżrael li jiddefendi lilu nnifsu u tennejna l-ħtieġa li dan isir f'konformità mad-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali, **filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili**.

Hekk kif il-konflitt intensifika, immobilizzajna rapidament biex nipprovdu appoġġ umanitarju lill-poplu Palestinjan f'Gaża. F'Ottubru 2023, **ikkwadruplikajna l-għajnuna ta' emerġenza lill-Palestinjani, inkluż permezz ta' operazzjoni ddedikata tal-Pont Umanitarju bl-Ajru.**

B'aktar minn 40 titjira, s'issa wassalna aktar minn 1 700 tunnellata ta' oġġetti ta' sokkors umanitarju, inklużi provvisti mediċi, postijiet ta' kenn, nutrizzjoni, materjal loġistiku u xarabanks.

Aħna nibqgħu impenjati bis-sħiħ li naħdmu mas-sħab reġjonali u internazzjonali biex nipprevjenu l-eskalazzjoni tal-konflitt u biex niksbu soluzzjoni dejjiema bbażata fuq soluzzjoni ta' żewġ Stati.






**Il-kummerċ baqa' robust bis-saħħa ta' għadd rekord ta' ftehimiet kummerċjali** (42 ftehim preferenzjali ma' 74 pajjiż). F'dan il-mandat, il-Kummissjoni **kkonkludiet ħames negozjati kummerċjali moderni:** tliet Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles ta' ġenerazzjoni ġdida ma' **New Zealand, iċ-Ċilì u l-Kenja**, li jirriflettu l-istrateġija tagħna għall-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli inklużi standards għoljin ta' protezzjoni ambjentali u drittijiet soċjali; bl-istess mod, ikkonkludejna l-ewwel ftehim ta' investiment sostenibbli tagħna mal-**Angola**, u dwar il-flussi tad-data mal-**Ġappun**.

Il-Kummissjoni żviluppat **strateġija ġdida dwar ir-relazzjoni maċ-Ċina**, iffukata fuq **"it-tneħħija tar-riskji"** aktar milli fuq id-diżakkoppjament. Żammejna l-linji ta' komunikazzjoni miftuħa u ħdimna flimkien biex nindirizzaw sfidi komuni bħat-tibdil fil-klima. Tkellimna b'mod konsistenti dwar is-**sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem** li qed tiddeterjora. U stabbilixxejna miżuri biex nindirizzaw it-tħassib dwar is-sigurtà, kemm jekk dwar il-5G, l-investiment dirett barrani, il-kontrolli tal-esportazzjoni, jew biex niġġieldu d-distorsjonijiet ekonomiċi u niskoraġġixxu l-koerċizzjoni ekonomika.

# Naħdmu flimkien bħala Unjoni

Kuljum mill-bidu tal-mandat, din il-Kummissjoni ħadmet biex tagħmel l-Ewropa aktar magħquda u aktar b'saħħitha. Id-dar, affrontajna flimkien kriżijiet bla preċedent.



Fix-xena dinjija, l-approċċ tagħna ta' Tim Ewropa ppermetta lill-UE tkun aktar strateġika, assertiva u magħquda.

Matul dan il-mandat, rajna t-twelid ta' Unjoni ġeopolitika reali — li tappoġġa lill-Ukrajna, tiddefendi l-aggressjoni tar-Russja, tippromwovi l-ordni bbażat fuq ir-regoli u tinvesti fi sħubijiet

**Wegħedna li nkunu kuraġġużi u ambizzjużi. Żammejna triqitna u wettaqna.**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

PDF ISBN 978-92-68-12876-3 doi:10.2775/045731 NA-05-24-113-MT-N